

## I

(Taġġir)

## IL-QORTI TA' L-AWDITURI

## RAPPORT SPEĊJALI Nru 3/2006

dwar l-Għajnuna Umanitarja tal-Kummissjoni Ewropea għaż-Tsunami  
flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni

(skond l-Artikolu 248(4), it-tieni sottoparagrafu, KE)

## WERREJ

	Paragrafu	Pàġna
GLOSSARJU TA' AKRONIMI .....		2
SOMMARJU EŻEKUTTIV .....	I-IX	3
INTRODUZZJONI .....	1-7	5
Iż-tsunami tas-26 ta' Diċembru 2004 .....	1-3	5
Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja (DG ECHO) .....	4-5	5
Istrumenti oħra tal-Kummissjoni involuti fir-reazzjoni taz-tsunami .....	6-7	5
Il-verifika tal-Qorti .....	8-11	5
Raġunijiet għalfejn għandha titwettaq il-verifika .....	8	5
Skop u miri tal-verifika .....	9-10	6
L-approċċ tal-verifika .....	11	6
OSSERVAZZJONIJIET .....	12-44	7
Rapidità u konvenjenza tar-reazzjoni tal-Kummissjoni .....	12-21	7
Reazzjoni rapida b'baġit adattat .....	12-15	7
Għażla ta' soċji .....	16-17	8
Livell għoli ta' finanzjament internazzjonali jeċċedi l-bżonnijiet finanzjarji tas-soċji .....	18	8
Sitwazzjonijiet kontrastanti għal evalwazzjonijiet preċiżi tal-bżonnijiet .....	19-21	9
Effettività tal-koordinazzjoni .....	22-26	10
Koordinazzjoni ta' numru kbir ta' organizzazzjonijiet umanitarji .....	22-23	10
Koordinazzjoni tajba bejn id-DG ECHO u servizzi oħra tal-Kummissjoni ħliet għar-reazzjoni immedjata .....	24-26	10
Ir-Rwol ta' sistemi ta' monitoraġġ biex jassiguraw relevanza, effiċjenza u implimentazzjoni f'waqtha .....	27-39	11
Sistema ta' monitoraġġ u kontroll komprensiva kif xieraq .....	27-33	11
Adattament tar-reazzjoni inizjali sabiex tiġi assigurata relevanza .....	34	12
Dewmien li rriżultaw minn saturazzjoni ta' kapaċità u limitazzjonijiet esterni oħrajn .....	35	13
Informazzjoni dwar l-effiċjenza ta' l-implimentazzjoni ta' proġett .....	36-39	13

	Paragrafu	Paġna
Kisba ta' riżultati u suffiċjenza ta' sostenibbiltà .....	40-44	14
Proġetti kkontribwew għas-suċċess tar-reazzjoni ġenerali għalkemm ċerti prodotti u riżultati bilkemm kienu ppjanati .....	40-43	14
Sostenibbiltà adegwata promossa b'livell għoli ta' finazjament .....	44	15
KONKLUŻJONIJIET .....	45-49	16
RAKKOMANDAZZJONIJIET .....	50-54	17
ANNEX: Mappa ta' l-impatt taz-tsunami .....		18
<b>Ir-risposti tal-Kummissjoni</b> .....		19

#### GLOSSARJU TA' AKRONIMI

BRR	Uffiċċju għar-Riabilitazzjoni u r-Rikostruzzjoni
DĠ ECHO	Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja
DIPECHO	Il-preparazzjoni tad-DĠ ECHO għad-diżastri
ECHO	Uffiċċju Umanitarju tal-Komunità Ewropea
FAFA	Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv
FPA	Ftehim Qafas ta' Sħubija
GAM	Moviment Liberu ta' l-Aceh
HIC	Ċentru ta' Informazzjoni Umanitarja
IDP	Persuna mċaqalqa Internament
LRRD	Rabta bejn l-Għajnuna Soċjali, Riabilitazzjoni u Żvilupp
LTTE	<i>Liberation Tigers of Tamil Eelam</i>
MIC	Ċentru ta' Monitoraġġ u Informazzjoni
NGOs	Organizzazzjonijiet mhux Governattivi
TEC	Koalizzjoni għall-Evalwazzjoni taz-Tsunami
UE	Unjoni Ewropea (UE)
NU	Nazzjonijiet Uniti
UNDAC	Valutazzjoni u Koordinazzjoni tad-Diżastri tan-Nazzjonijiet Uniti
UNOCHA	Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni ta' l-Affarijiet Umanitarji

**SOMMARJU EŻEKUTTIV**

I. Fis-26 ta' Diċembru 2004 terremot 'il barra mill-kosta tal-punent tat-Tramuntana ta' Sumatra wassal għal tsunami kbir li wassal għal firxa kbira ta' distruzzjoni f'bosta pajjiżi ta' l-Oċean Indjan, u qatel aktar minn 200 000 persuna. Il-komunità internazzjonali wiegħbet b'ġenerożità, b'aktar minn 5 biljun euro f' għajjnuna umanitarja (ara l-paragrafi 1 sa 3).

II. Il-Kummissjoni Ewropea għandha Direttorat Ġenerali speċifiku, id- Direttorat Ġenerali għall-Għajjnuna Umanitarja (DĠ ECHO, biex jirreaġixxi għall-kriżi umanitarji. Id-DĠ ECHO ma jimplimentax attivitajiet ta' rinforz direttament, iżda permezz ta' soċji li jikkonsistu minn NGOs u organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u tar-Red Cross. Wara z-tsunami, id-DĠ ECHO ta fondi bħala għajjnuna umanitarja ta' 123 miljun euro (ara l-paragrafi 4 sa 6).

III. Fuq bażi ta' eżami ta' dokumentazzjoni, intervisti u żjarat fuq il-post u revizzjoni ta' verifiki u evalwazzjonijiet oħra, il-verifika tal-Qorti eżaminat ir-reazzjoni ta' l-għajjnuna umanitarja tal-Kummissjoni għaż-tsunami. Din inkludiet ir-reazzjoni ta' emerġenza u ċertu xogħol ta' riabilitazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir konsistenti mal-mandat tad-DĠ ECHO, iżda ma nkludietx rikostruzzjoni fuq terminu ta' żmien itwal. Id-domandi prinċipali indirizzati minn dan ir-rapport huma (ara l-paragrafi 8 sa 11):

- a) Ir-reazzjoni tal-Kummissjoni għaż-tsunami kienet rapida biżżejjed u adattata?
- b) L-azzjonijiet tad-DĠ ECHO kienu koordinati b'mod effettiv ma' dawk ta' servizzi oħra tal-Kummissjoni, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi oħra?
- c) Il-proċeduri ta' monitoraġġ u kontroll tad-DĠ ECHO kienu magħmula biex jassiguraw li l-proġetti implimentati mis-soċji kienu rilevanti, f'waqthom u implimentati b'mod effiċjenti?
- d) Il-proġetti implimentati mis-soċji tad-DĠ ECHO kisbu r-riżultati mistennija u l-azzjonijiet ta' riabilitazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir kienu sostenibbli adegwatament?

IV. Il-proċeduri tal-Kummissjoni ppermettew li jkun hemm reazzjoni rapida għaż-tsunami, billi tat 3 miljun euro fl-istess ġurnata li seħħ id-diżastru, segwiti b' 20 miljun euro oħra fi żmien ħamest ijiem. 80 miljun euro oħra ġew mogħtija fi Frar ta' l-2005, u warajhom 20 miljun euro f'Diċembru ta' l-2005, għal total ta' 123 miljun euro. Il-livell għoli ta' finanżjament wera li kien adegwat b'mod partikolari minħabba li t-tranżizzjoni mill-fażi ta' rinforz għall-fażi ta' rikostruzzjoni ħadet aktar fit-tul milli kien mistenni (ara l-paragrafi 12 sa 15).

V. Qabel iż-tsunami, d-DĠ ECHO kien qed jaħdem fis-Sri Lanka fuq proġetti mal-popolazzjoni milquta mill-kunflitt. Wara z-tsunami, id-DĠ ECHO għażel li jaħdem mas-soċji eżistenti fis-Sri Lanka li kienu jafu s-sitwazzjoni sew, li tawh possibiltà li jagħti fondi għall-proġetti rilevanti minkejja s-sitwazzjoni ta' finanżjament żejjed u follol ikkawżati minn numru kbir ta' NGOs ġodda li kienu għadhom jaslu. Id-DĠ ECHO ma kellux preżenza f'Aceh qabel ma seħħ iż-tsunami. Minħabba d-diffikultà ta' aċċess u nuqqas ta' informazzjoni affidabbli xi wħud mill-proposti għall-proġetti bikrija kienu biss reazzjoni standard għal sitwazzjoni ta' emerġenza. Il-proposti għall-proġetti li segwew, minn Frar ta' l-2005 'l quddiem kienu bbażati fuq revizzjonijiet tal-bżonnijiet aktar affidabbli (ara l-paragrafi 16 sa 21).

VI. Id-DĠ ECHO ta sostenn ir-rwol ta' koordinazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u provda finanżjament biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli u preċiża dwar il-bżonnijiet. Il-wasla ta' numru kbir ta' organizzazzjonijiet umanitarji ħafna drabi b'ammonti kbar ta' finanżjament privat żied mad-diffikultajiet tal-koordinazzjoni billi irriżulta f'differenzi fil-livell u l-kwalità ta' l-għajjnuna mogħtija. Fir-rigward tal-koordinazzjoni ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni, kien hemm koordinazzjoni tajba biex tassigura li ma jkunx hemm xkiel fit-tranżizzjoni bejn l-isforzi ta' rinforz fuq terminu ta' żmien qasir u r-rikostruzzjoni fuq żmien itwal. Iżda, kemm fl-Indoneżja kif ukoll fis-Sri Lanka l-koordinazzjoni bejn id-DĠ ECHO u l-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili, ibbażat fid-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent u responsabbli għall-koordinazzjoni ta' l-għajjnuna ta' protezzjoni ċivili ta' l-Istati Membri kienet problematika (ara l-paragrafi 22 sa 26).

VII. Is-sistema tad-DĠ ECHO għall-monitoraġġ u għall-kontroll tal-proġetti tikkonsisti fi żjarat ta' monitoreaġġ minn esperti f'dan il-qasam u *desk officers*, rapporti tas-soċji, żjarat fuq il-post mill-Unità ta' Finanzi u Verifika tad-DĠ ECHO, kontrolli qabel il-pagament finali u verifiki esterni aktar tard. Ġeneralment, il-proċeduri ppermettew li l-proġetti jiġu modifikati biex jilhqnu it-tibdil fil-bżonnijiet. Madanakollu, hemm lok fejn tiġi żviluppata informazzjoni komparattiva dwar l-ispejjeż, biex tipprovdi aktar dettalji dwar l-arranġamenti organizzattivi u biex tikwantifika l-valur tal-prodott tal-proġetti (ara paragrafi 27 sa 39).

VIII. Il-proġetti ffinanzjati mill-Kummissjoni ġew implimentati, għalkemm f'ċerti każi l-prodotti kienu anqas minn dawk pjanati minħabba l-inflazzjoni, u diffikultajiet biex jiġu akkwistati l-oġġetti u r-reklutaġġ ta' persunal kwalifikat. Proġetti ġestiti mis-soċji tad-DĠ ECHO ikkontribwew biex jintlaħqu l-bżonnijiet bażiċi tal-popolazzjoni fil-każ ta' xelter, ikel, ilma u sanità, saħħa u sostenn psikoloġiku, ħarsien għat-tfal u l-familji u telekomunikazzjoni. Il-Kummissjoni qed tiffinanzja wkoll proġetti biex tassisti fl-ippreparar għad-diżastri. Il-verifika tal-Qorti kkonfermat is-sejbiet ta' evalwazzjonijiet oħra li l-isforz li sar rigward l-għajnuna soċjali kien effettiv, għalkemm ikkoordinat b'mod fqir. Il-livell għoli ta' finanzjament ippermetta biex id-DĠ ECHO jimla l-faċi ta' tranżizzjoni li kienet aktar minn dik mistennija bejn l-għajnuna soċjali u r-reabilitazzjoni permezz ta' interventi ta' kwalità u biex jiffinanzja proġetti ta' riabilitazzjoni b'orjentament ta' żvilupp. Minkejja dan, f'dak li għandu x'jaqsam mal-benefiċjarji milħuqa, is-suċċess tal-proġetti tad-DĠ ECHO xi drabi kien inqas minn dak ipplanat inizjalment, prinċiparjament minħabba evalwazzjonijiet mhux preċiżi tal-bżonnijiet. B'mod partikolari, il-komponent ta' l-ilma u s-sanità ta' proġett ta' aġenzija tal-UN f'Aceh laħaq 100 000 persuna, li jirrapreżenta biss 5 % miż-2 miljun benefiċjarju li kienu oriġinarjament pjanati (ara l-paragrafi 40 sa 44).

IX. Ir-rakkomandazzjonijiet li saru fuq il-bażi ta' l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Qorti kienu s-segwenti:

- a) il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-irwol li hija jista' jkollha biex tgħin gvernijiet milquta biex iġestu koordinazzjoni tad-donaturi b'mod aktar effettiv;
- b) l-irwoli tad-DĠ ECHO u d-DĠ Ambjent (Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili) għandhom jiġu ċċarat biex jiġi assigurat approċċ koerenti;
- c) għandha tiġi kkunsidrata skala ta' żmien itwal għal operazzjonijiet ta' emerġenza sabiex tipprovdi żmien suffiċjenti għall-implimentazzjoni;
- d) id-DĠ ECHO għandu jsaħħa is-sistema ta' monitoreaġġ tiegħu sabiex tinkludi *feedback* bil-miktub lis-soċji wara żjarat ta' monitoreaġġ, iżvilupp ta' informazzjoni komparattiva ta' l-ispejjeż, spjegazzjoni ta' l-arranġamenti ta' implimentazzjoni u informazzjoni dwar dak li sar u fejn sar;
- e) id-diffikultajiet ta' aċċess għal dokumentazzjoni ta' proġetti implimentati minn aġenziji tal-UN għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni fil-kuntest tal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA).

## INTRODUZZJONI

### Iż-tsunami tas-26 ta' Diċembru 2004

1. Fis-26 ta' Diċembru 2004 terremot 'il barra mill-kosta tal-punent tat-Tramuntanta ta' Sumatra wassal għal tsunami kbar li wassal għal firxa kbira ta' distruzzjoni f'bosta pajjiżi ta' l-Oċean Indjan, u qatel aktar minn 200 000 persuna. Il-provinċja Indoneżjana ta' Aceh ġarrbet l-aġġar tad-devastazzjoni fejn aktar minn 160 000 persuna kienu mejta jew nieqsa u aktar minn nofs miljun ġew imċaqalqa. Fis-Sri Lanka, it-tieni pajjiż li ġie milqut l-aġġar, madwar 35 000 il-persuna kienu mejta jew nieqsa u nofs miljun ġew imċaqalqa. Il-mappa fl-*Anness* tagħti sommarju ta' l-impatt taz-tsunami.

2. Gvernijiet u individwi rrispondew b'ġenerożità kbira. Sa Jannar ta' l-2006 il-livell globali ta' għajjuna umanitarja b'reazzjoni għaż-tsunami laħaq madwar 5,1 biljun euro, li minnhom 3,4 biljun euro (67 %) ġew minn donaturi privati<sup>(1)</sup>. Bl-inklużjoni ta' l-għajjuna għar-rikostruzzjoni fuq terminu ta' żmien twil, total ta' aktar minn 11 biljun euro ġew imwiegħda<sup>(2)</sup>.

3. Iż-tsunami laqat kemm Aceh kif ukoll is-Sri Lanka fi sfond ta' konflitti antiki bejn il-Gvern u organizzazzjonijiet separatisti. F'Aceh, konflitt ta' 30 sena bejn il-Gvern ta' l-Indoneżja u il-Movement Ħieles ta' Aceh (GAM) kien ikkaġuna l-mewt ta' 15 000 persuna. Sa mill-1983, fis-Sri Lanka il-gwerra ċivili bejn il-Gvern u l-Liberation Tigers of Tamil Eelam (LTTE) kienet minn daqqiet wieqfa u oħrajn għaddeġja u ħalliet 60 000 persuna mejta. Wara tlett snin ta' waqfien mill-ġlied u r-ritorn ta' 400 000 persuna fil-post ta' twelid tagħhom, għad fadal 400 000 każ ta' ċaqliq.

### Direttorat Ġenerali għall-Għajjuna Umanitarja (DĠ ECHO)

4. Il-Kummissjoni Ewropea għandha Direttorat Ġenerali speċifiku, id-DĠ ECHO, biex jirreaġixxi għal kriżi umanitarji. Il-mandat tad-DĠ ECHO huwa deskritt fir-Regolament tal-Kunsill (KE Nru 1257/96) ta' l-20 ta' Ġunju 1996 dwar l-għajjuna umanitarja<sup>(3)</sup> u jinkludi li jsalva u jippreserva l-ħajja waqt l-emerġenzi, iwettaq xogħol ta' riabilitazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir, jgħin lil dawk milquta jakkwistaw livell għoli ta' awto-suffiċjenza, jieħu in konsiderazzjoni objettivi ta' żvilupp fuq terminu ta' żmien twil fejn ikun possibli u jassigura preparazzjoni għal riskji ta' diżastri naturali.

5. Il-finanzjament annwali medju ta' għajjuna umanitarja ta' l-UE huwa stabbilit għal 600 miljun euro. Għalkemm ir-Regolament tal-Kunsill 1257/96 dwar l-għajjuna umanitarja jippermetti għall-implimentazzjoni diretta ta' attivitajiet ta' għajjuna soċjali

mill-Kummissjoni, fil-prattika d-DĠ ECHO jafda l-implimentazzjoni ta' l-għajjuna f'idejn is-soċji tiegħu li jikkonsistu f'organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), u organizzazzjonijiet internazzjonali (e.ż. Il-Kumitat Internazzjonali tar-Red Cross, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Emigrazzjoni u organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (UN)). L-irwoli u r-responsabbiltajiet ta' l-NGOs u ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali (barra dawk tal-UN) li ġew evalwati bħala soċji addattati huma mfisra fil-Ftehim Qafas ta' Sħubija (FPAs). Il-qafas legali ġenerali għar-relazzjonijiet bejn id-DĠ ECHO u organizzazzjonijiet ta' l-UN huwa mfisser fil-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA).

### Istrumenti oħra tal-Kummissjoni nvoluti fir-reazzjoni taz-tsunami

6. Istrumenti oħra tal-Kummissjoni, li jikkomplimentaw id-DĠ ECHO, kienu nvoluti fir-reazzjoni għaż-tsunami, inklużi, fl-istadju inizjali, il-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili, imwaqqaf mid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2001/792/KE tat-23 ta' Ottubru 2001<sup>(4)</sup> u bbażat fid-DĠ Ambjent. Permezz taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u Informazzjoni (MIC) tiegħu, il-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili ħatar timijiet ta' esperti u bagħthom fir-reġjun milqut miż-tsunami biex jgħinu jevalwaw is-sitwazzjoni u jikkoordinaw il-wasla u d-distribuzzjoni ta' għajjuna għall-protezzjoni ċivili offruta mill-Istati Membri.

7. Riabilitazzjoni fuq terminu ta' żmien itwal, rikostruzzjoni u rkupru jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tad-Direttorati Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni (RELEX) u għall-Għajjuna Ewropea (AIDCO), filwaqt li d-DĠ ECHO huwa responsabbli għar-reazzjoni umanitarja li tikkonsisti f'għajjuna soċjali ta' emerġenza u riabilitazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir. Il-qasam inċert bejn għajjuna soċjali fuq terminu ta' żmien qasir u żvilupp fuq żmien twil hija ndirizzata mill-proċess ta' għaqda ta' l-għajjuna soċjali, rkupru u żvilupp (LRRD)<sup>(5)</sup>. Il-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida, imwaqqaf mir-Regolament tal-Kunsill (KE Nru 381/2001) tas-26 ta' Frar 2001<sup>(6)</sup> u bbażat fid-DĠ RELEX, huwa ddisinjat biex jassisti f'dan il-proċess billi jippermetti lill-Kummissjoni li tirreaġixxi b'mod rapidu u flessibbli għall-kriżijiet billi tgħin biex toħloq il-kondizzjonijiet taħt liema żvilupp fuq terminu ta' żmien itwal jista' jintlaħaq.

### IL-VERIFIKA TAL-QORTI

#### Raġunijiet għalfejn għandha titwettaq il-verifika

8. Bi ħsieb tal-livell għoli ta' finanzjament minn istituzzjonijiet u individwi b'reazzjoni għaż-tsunami, u meta wieħed iqis l-interess mogħti mill-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Qorti ddeċidiet li tivverifika r-reazzjoni umanitarja ta' l-UE.

<sup>(4)</sup> ĠU L 297, 15.11.2001, p. 7.

<sup>(5)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(96) 153 dwar l-Għaqda bejn l-Għajjuna Soċjali, Riabilitazzjoni u Żvilupp (LRRD) u COM(2001) 153 dwar l-Għaqda bejn l-Għajjuna Soċjali, Riabilitazzjoni u Żvilupp — Stima.

<sup>(6)</sup> ĠU L 57, 27.2.2001, p. 5.

<sup>(1)</sup> Sors: UN Financial Tracking Service.

<sup>(2)</sup> Sors: UN Office of the Special Envoy for Tsunami Recovery.

<sup>(3)</sup> ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1.

**Skop u miri tal-verifika**

9. L-iskop ta' din il-verifika huwa limitat għar-reazzjoni ta' l-għajjnuna umanitarja tal-Kummissjoni. Dan jinkludi r-reazzjoni ta' emerġenza u ċertu xogħol ta' riabilitazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir, konsistenti mal-mandat tad-DĠ ECHO, imma

ma jinkludix ir-rikostruzzjoni fuq terminu ta' żmien qasir. Id-deċiżjonijiet finanzjarji li jikkorrispondu ma' l-iskop tal-verifika huma murija fit-*Tabella 1*. Il-verifika eżaminat ukoll entitajiet li huma fil-periferija ta' ECHO, bħall-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili, meta dawn ikollhom impatt fuq ir-reazzjoni umanitarja tad-DĠ ECHO.

Tabella 1

**Għajjnuna umanitarja mogħtija mill-Kummissjoni**

(miljun euro)

Deċiżjoni			Allokazzjoni ta' fondi					
Data	Dewmien	Ammont	Reġjonali	Indoneżja	Sri Lanka	Indja	Maldivi	Tajlandja
26 ta' Diċ. 2004	3 xhur	3,0	3,0					
30 ta' Diċ. 2004	6 xhur	10,0			8,3		1,7	
31 ta' Diċ. 2004	6 xhur	10,0		10,0				
9 ta' Frar 2005	18-il xahar	80,0	13,7	30,5	24,3	10,0	1,0	0,5
15 ta' Frar 2005	18-il xahar	20,0		10,0	8,0	2,0		
<b>Deċiżjonijiet totali</b>		<b>123,0</b>	<b>16,7</b>	<b>50,5</b>	<b>40,6</b>	<b>12,0</b>	<b>2,7</b>	<b>0,5</b>
<b>Total ikkuntrattat sa Diċ 2005</b>		<b>102,6</b>	<b>16,7</b>	<b>40,2</b>	<b>32,5</b>	<b>10,0</b>	<b>2,7</b>	<b>0,5</b>
<b>Total maħruġ sa Diċ 2005</b>		<b>78,8</b>	<b>13,6</b>	<b>31,3</b>	<b>24,8</b>	<b>6,5</b>	<b>2,2</b>	<b>0,4</b>

Sors: DĠ ECHO.

10. Il-mistoqsijiet prinċipali ndirizzati minn dan ir-rapport bil-mira biex jidentifikaw lezzjonijiet utli għal diżastri fil-futur ta' daqs kbir huma:

- Ir-reazzjoni tal-Kummissjoni għaż-tsunami kienet rapida biżżejjed u adattata?
- L-azzjonijiet tad-DĠ ECHO kienu koordinati b'mod effettiv ma' dawg ta' servizzi oħra tal-Kummissjoni, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi oħra?
- Il-proċeduri ta' monitoraġġ u kontroll tad-DĠ ECHO kienu magħmula biex jassiguraw li l-proġetti implimentati mis-soċji kienu rilevanti, f'waqthom u implimentati b'mod effiċjenti?

d) Il-proġetti implimentati mis-soċji tad-DĠ ECHO kisbu r-riżultati mistennija u l-azzjonijiet ta' riabilitazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir kienu sostenibbli adegwatament?

**L-approċċ tal-verifika**

11. Il-verifika kienet ibbażata fuq eżami ta' dokumentazzjoni, fuq intervisti, fuq żjarat fuq il-post u fuq revizzjoni ta' verifiki u evalwazzjonijiet oħrajn. Is-sistemi ta' ġestjoni, monitoraġġ u kontroll, tad-DĠ ECHO kienu evalwati fil-livell tal-kwartieri ġenerali u kkorroborati bi żjarat fl-uffiċċji fuq il-post tad-DĠ ECHO, soċji u proġetti fis-Sri Lanka u fl-Indoneżja. It-*Tabella 2* turi l-proġetti u soċji miżjura fuq il-post. Proġetti għal żjarat fuq il-post kienu magħżula skond kriterja ta' settur, lok, ammont, stadju ta' implimentazzjoni u tip ta' soċju sabiex tinkiseb stampa ġenerali raġonevoli. Proġetti li kienu diġa' ġew verifikati fuq il-post mill-Unità ta' Finanzi u Verifika tad-DĠ ECHO ma kinux reġgħu ġew miżjura.

Tabella 2

**Proġetti ta' għajjnuna umanitarja miżjura fuq il-post fl-Indoneżja u s-Sri Lanka**

Deċiżjoni Finanzjarja	Soċju	Deskrizzjoni tal-proġett	Finanzjament mill-Kummissjoni (euro)
<b>L-INDONEŻJA</b>			
10 miljun (euro)	Aġenzija tan-NU	Reazzjoni għat-tfal, ilma u sanità	4 000 000
	NGO	Sostenn psikosoċjali	528 798
	NGO	Ilma nadif	550 000
80 miljun (euro)	NGO	Tisħiħ tal-ħarsien u sostenn tal-komunità	484 820
	NGO	Irkupru ta' l-għajxien mis-sajd	476 792
	NGO	Ilma u sanità	1 336 266
<b>Valur totali tal-proġetti miżjura fl-Indoneżja</b>			<b>7 376 676</b>
<b>IS-SRI LANKA</b>			
10 miljun (euro)	NGO	Ilma u sanità	571 534
	NGO	Ilma, sanità, ikel u mhux ikel	1 200 000
	NGO	Sostenn psikosoċjali	672 720
80 miljun (euro)	Organizzazzjoni internazzjonali	Reazzjoni għajxien u għajxien	2 067 480
	Aġenzija tal-UN	Sajd u agrikoltura	3 900 000
<b>Valur totali tal-proġetti miżjura fis-Sri Lanka</b>			<b>8 411 734</b>

**OSSERVAZZJONIJIET****Rapidità u konvenjenza tar-reazzjoni tal-Kummissjoni****Reazzjoni rapida b'baġit adattat**

12. Proċeduri biex jiġu fformati deċiżjonijiet umanitarji kienu adottati mill-Kummissjoni fl-2001 <sup>(1)</sup> li taw lid-Direttur Ġenerali tad-DG ECHO il-poter li jieħu deċiżjonijiet għal għajjnuna umanitarja ta' emerġenza primarja sa 3 miljun euro għal perjodu ta' 3 xhur. Il-Kummissarju responsabbli għall-għajjnuna umanitarja kien mogħti l-poter li jieħu deċiżjonijiet f'każ ta' emerġenza sa 30 miljun euro direttament għal operazzjonijiet li jdumu sa sitt xhur. Dawn il-proċeduri, magħquda flimkien mas-sistema tad-DG ECHO ta' kopertura permanenti matul perjodu ta' vaganza, ippermettew lill-Kummissjoni li tirreaġixxi rapidament għaż-tsunami. Deċiżjoni ta' emerġenza primarja għal tlett miljun euro bi skala ta' żmien ta' tlett xhur kienet meħuda fis-26 ta' Diċembru 2004, fl-istess ġurnata tad-diżastru. Din id-deċiżjoni kopriet ir-reazzjoni ta' emerġenza għal xelters, għajjnuna mhux ta' ikel u provvisti mediċinali li jridu jiġu provduti mill-Federazzjoni Internazzjonali tar-Red Cross u s-soċjetajiet tar-Red Cross. Din kienet segwita minn deċiżjoni ta' 10 miljun euro għas-Sri Lanka u l-Maldives fit-30 ta' Diċembru 2004 u deċiżjoni

oħra ta' 10 miljun euro għall-Indoneżja fil-31 ta' Diċembru 2004, it-tnejn bi skala ta' żmien ta' sitt xhur, li jammontaw l-għajjnuna totali għal 23 miljun euro.

13. Fis-6 ta' Jannar 2005 il-Kummissjoni wegħdet 100 miljun euro addizzjonali għall-għajjnuna umanitarja fil-Konferenza ta' l-Għajjnuna għaż-Tsunami ta' Jakarta u għaldaqstant talbet dan l-ammont mingħand l-awtorità tal-baġit (il-Parlament u l-Kunsill). Dan l-ammont kien approvat fid-19 ta' Jannar 2005 u dan għamel possibli li deċiżjoni ta' 80 miljun euro tittieħed fid-9 ta' Frar 2005, u deċiżjoni ta' 20 miljun euro tittieħed fil-15 ta' Diċembru 2005, it-tnejn bi skala ta' żmien ta' 18-il xahar.

14. L-ewwel 23 miljun euro kienu wżati biex jiffinanzjaw attivitajiet ta' emerġenza inklużi l-ħarsien tas-saħħa, provvisti mediċinali, xelter, sistemi ta' twissija minn kmieni ta' l-epidemija, ilma nadif u faċilitajiet ta' sanità, oġġetti ta' għajjnuna ta' l-ikel, assistenza psikosoċjali u protezzjoni għat-tfal u sostenn loġistiku bħal servizzi tat-telefon satellari. Id-deċiżjonijiet ta' 80 miljun euro u 20 miljun euro sussegwenti qed jiffinanzjaw riabilitazzjoni għal terminu ta' żmien qasir li tinkludi xelter transizzjonali u ta' emerġenza, rilokazzjoni ta' persuna mċaqlqa internament, rkupru ta' l-għajxien, sigurtà ta' l-ikel, faċilitajiet ta' ilma u sanità, għajjnuna teknika u loġistika u prevenzjoni ta' diżastru. L-istampi fir-rapport jispjegaw xi wħud mit-tipi differenti ta' għajjnuna ffinanzjati mid-DG ECHO.

(1) SEC(2001) 873.

15. Il-Prinċipji ta' *Good Humanitarian Donorship* miftehema fi Stokkolma f'Ġunju 2003 jgħidu li l-finanzjament umanitarju għandu jkun allokati in proporzjoni tal-bżonnijiet u fuq il-bażi ta' evalwazzjonijiet ta' bżonnijiet. Madanakollu, wara t-tsunami, bżonnijiet veri ma kinux ċari mill-informazzjoni disponibbli, u kien essenzjali li x-xewqa għal reazzjoni infurmata tkun ibbalanċjata skond in-neċessità għal reazzjoni rapida. F'dan il-kuntest inċert il-wegħda tal-Kummissjoni wriet l-impenn tagħha, u l-livell għoli ta' finanzjament irriżulta xieraq, minħabba sa ċertu punt l-fatturi segwenti:

- a) Id-deċiżjoni finanzjarja għal 20 miljun euro meħuda fil-15 ta' Diċembru 2005 ittieħdet biex tissodisfa l-bżonnijiet li kien baqa' għat-18-il xahar minn Jannar 2006. Il-fażi tranżizzjonali bejn l-għajnuna soċjali u r-rikostruzzjoni, inizjalment mistennija li tispiċċa qabel l-aħħar 2005, kienet itwal milli mistennija għaliex il-parti l-kbira tax-xogħol ta' rikostruzzjoni kien għadu jrid jibda' fl-aħħar ta' l-2005.
- b) F'Awwiisu 2005 id-deċiżjoni ta' 80 miljun euro kienet modifikata biex tinkludi wkoll l-popolazzjoni milquta mill-kunflitti (ara kaxxa 1).

#### Kaxxa 1

##### Livell għoli ta' finanzjament jgħin biex jintlaħaq il-bżonn għal reazzjoni sensitiva ta' kunflitti

It-taqbid bl-armi fis-Sri Lanka kkwawza ċ-ċaqliq ta' 800 000 persuna bejn l-1983 u l-2002. Numru kbir ta' persuni bdew jirritornaw wara l-waqfa ta' l-isparar fi Frar 2002 li rriżulta fi kważi 400 000 persuna li rritornaw saż-żmien meta seħħ it-tsunami fl-aħħar ta' l-2004. Madanakollu, madwar 15 % biss mill-popolazzjoni milquta mill-kunflitti kienu milquta direttament miż-tsunami u, għaldaqstant setgħu jibbenifikaw mir-reazzjoni ġeneruża tal-komunità tad-donaturi għaż-tsunami. Il-kwantità ta' għajnuna provduta lill-popolazzjoni milquta miż-tsunami kienet bilwisq ikbar mill-għajnuna provduta lill-popolazzjoni milquta mill-kunflitti fl-istess żona. L-ispiża ta' xelter temporanju relatat maż-tsunami, per eżempju, kienet ta' 450 euro meta mqabbla mal-125 euro għal xelter temporanju relatat mal-kunflitti. Sostenn ta' ikel ta' kull xahar għal familja milquta miż-tsunami kienet 70 euro meta mqabbla ma' 10 euro għal familja milquta mill-kunflitti. Din id-diskriminazzjoni kkwawza riżentiment u tensjoni fost il-komunitajiet.

Sabiex tevita diskriminazzjoni kontra persuni vulnerabbli mċaqalqa qabel iż-tsunami, il-Kummissjoni mmodifikat d-deċiżjoni ta' 80 miljun euro f'Awwiisu 2005 biex tinkludi wkoll il-popolazzjoni milquta mill-kunflitti li tgħix fid-distretti milquta miż-tsunami.

#### Għażla ta' soċji

16. Wara li kkoordinata man-NU u donaturi oħrajn, id-DĠ ECHO ddeċieda li jaħdem ma' msieħba eżistenti l-biċċa l-kbira fit-Tramuntana u fil-Lvant tas-Sri Lanka fejn huwa kien qed jaħdem

mal-popolazzjoni milquta mill-kunflitti qabel it-tsumani sa mill-1994. Dan l-arranġament ippermetta d-DĠ ECHO biex jiffinanzja l-implimentazzjoni ta' proġetti rilevanti minkejja s-sitwazzjoni ta' ħafna finanzjamenti u follol ta' nies ikkawżati minn numru kbir ta' NGOs li kien għadhom kif waslu b'finanzjament privat determinati li jibdeu proġett fid-distrett diġa' mogħti ħafna għajnuna.

17. B'kuntrast mas-Sri Lanka, id-DĠ ECHO ma kellux preżenza f'Aceh qabel iż-tsunami għax l-aċċess għal persunal internazzjonali ta' organizzazzjonijiet umanitarji (bl-eċċezzjoni ta' ftit rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-UN u tar-Red Cross) ma kienx permess taħt l-istatus ċivili ta' emerġenza ddikjarat mill-Gvern Indoneżjan. Wara t-tsunami, aċċess liberu għal Aceh kien permess mit-28 ta' Diċembru 2004. Għaldaqstant id-DĠ ECHO għażel soċji li setgħu jaħdmu immedjatament fuq il-post u b'kompetenza fl-oqsma differenti li kellhom ikunu koperti, bħal aġenziji tal-UN fil-protezzjoni tat-tfal, provvista ta' l-imla, sanità u saħħa. Il-ftehim kollha mas-soċji għaż-żewġ deċiżjonijiet ta' emerġenza ta' 10 miljun euro kienu ffirmati sat-18 ta' Jannar għas-Sri Lanka u sas-27 ta' Jannar għall-Indoneżja.

#### Livell għoli ta' finanzjament internazzjonali jeċċedi l-bżonnijiet finanzjarji tas-soċji

18. Il-livell għoli ta' finanzjament internazzjonali disponibbli b'reazzjoni għaż-tsunami eċċeda l-kapaċità ta' impenn ta' ċerti soċji (ara kaxxa 2). Aktar minn 360 organizzazzjoni umanitarja waslu fis-Sri Lanka u 450 fl-Indoneżja b'ammonti kbar ta' finanzjament umanitarju. L-kompetizzjoni għar-riżorsi kkontribwiet għall-inflazzjoni u għad-diffikultajiet biex jinkisbu oġġetti u fir-reklutaġġ ta' persunal kwalifikat. Ir-rapport ta' l-Uffiċċju għar-Riabilitazzjoni u Rikostruzzjoni (BRR<sup>(1)</sup>) sena wara t-tsunami ddeskriva kif il-prezzijiet u l-pagi fl-Aceh żdiedu b'30-40 % fl-2005.

#### Kaxxa 2

##### Kuntest ġenerali ta' fondi li jeċċedu l-bżonnijiet finanzjarji tas-soċji

Fis-Sri Lanka, minħabba l-livell għoli ta' finanzjament privat, ftit mis-soċji eżistenti tal-Kummissjoni ma kellhomx il-kapaċità li jimpenjaw il-finanzjament disponibbli tad-DĠ ECHO. Per eżempju, proġett ta' 570 000 euro kien miftehem ma' NGO għalkemm id-DĠ ECHO inizjalment ħaseb li jalloka 1 miljun euro tad-deċiżjoni ta' 10 miljun euro lilhom. Minkejja li żiedet il-kapaċità tagħha fis-Sri Lanka sa miż-tsunami din l-NGO ma ppreżentat l-ebda proposta fil-kuntest tad-deċiżjoni ta' 80 miljun euro. Minn Ottubru 2005 id-DĠ ECHO għaldaqstant ħadem ma' erba' soċji ġodda fis-Sri Lanka (minn total ta' 21 soċju).

(1) Il-BRR (Badan Rehabilitasi dan Rekonstruksi) kien imwaqqaf f'April 2005 mill-Gvern ta' l-Indonesja biex jgħin jikkordinata r-riabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni f'Aceh u Nias.



Fl-Indoneżja, aġenzija tan-NU ma kelliex il-kapaċità li tonfoq il-fondi kollha tal-Kummissjoni matul il-perijodu ta' implimentazzjoni ta' sitt xhur tad-deċiżjoni ta' emerġenza. Ħafna mis-soċji tas-soltu tad-DĠ ECHO ma ppreżentawx proġett fl-Indoneżja minħabba l-finanzjament li huma rċievew minn donutari oħra diġà eċċeda l-kapaċità ta' impenn tagħhom.

Din l-analiżi dwar in-nuqqas biex jiġu impenjati finanzjament disponibbli huwa rinforsat mill-pożizzjoni li enfasizzat li l-programmi tagħha għandhom ikunu iffukati fuq il-bżonnijiet biss, mhux b'xewqa li jonfqu l-fondi żejda. Għalkemm it-Tobba Mingħajr Fruntieri waqfu jaċċettaw fondi għal vittmi taz-tsunami wara inqas minn ġimgħa wara d-diżastru, xorta waħda huma rċievew 110 miljun euro metq maqabbla mal-25 miljun euro meħtieġa biex imexxu l-programmi taz-tsunami għall-2005. Id-donaturi ntablu l-permess biex jitneħħew ristrizzjonijiet fuq donazzjonijiet sabiex dawn setgħu jintużaw għal emerġenzi oħra, u 99 % qablu. Sa l-aħħar ta' l-2005, 65 miljun euro ta' donazzjonijiet oriġinarjament maħsuba għaż-tsunami ntużaw biex jilhqgħu l-bżonnijiet x'imkien ieħor bħal kriżi ta' nutrizzjoni fin-Niġerja, il-kunflitt f'Darfur u t-terremot fil-Pakistan.

### Sitwazzjonijiet kontrastanti għal evalwazzjonijiet preċiżi tal-bżonnijiet

19. L-approċċ ta' ġestjoni ta' ċiklu ta' proġett tad-DĠ ECHO jenfasizza l-importanza ta' l-ippjanar tal-proġett, disinn u l-bżonnijiet ta' analiżi sabiex jassigura li l-proġett ser jilħaq il-bżonnijiet ta' grupp immirat. Il-proposti ta' proġett ippreżentati mis-soċji kienu analizzati mill-espert ta' fuq il-post (1) tad-DĠ ECHO u ukoll mid-desk officer fi Brussell qabel l-approvazzjoni tagħhom. Id-deċiżjoni tad-DĠ ECHO biex jaħdem ma' soċji eżistenti fis-Sri Lanka assigurat li l-proposti tal-proġett kienu ppreparati minn organizzazzjonijiet b'taġhrif tal-pajjiż li kienu stabbiliti f'post tajjeb biex iwettqu evalwazzjonijiet tal-bżonnijiet (ara kaxxa 3). Ċerti soċji, inkludew evalwazzjoni tal-bżonnijiet bħala parti mill-proġett innifsu stess.

#### Kaxxa 3

##### Soċji fis-Sri Lanka kienu stabbiliti f'post tajjeb biex jippreparaw il-proposti tal-proġett

Organizzazzjoni tar-Red Cross kienet stabbilita f'post idealment tajjeb biex tipprepara l-proġett ta' sostenn psikosoċjali għaliex sa mill-2003, hija kienet sostniet ir-Red Cross SriLankana biex timplimenta programm ta' sostenn psikosoċjali fil-provinċja tat-Tramuntana ta' Jaffa, sostnuta wkoll mill-Kummissjoni, b'mira lejn il-persuni mċaqalqa internament li kienu mċaqalqa b'riżultat tal-kunflitt.

NGO partikolari kellha tim sod fuq il-post fis-Sri Lanka u kononx-xenza tajba minħabba l-preżenza tagħha hemmhekk għal matul aktar minn 20 sena ta' kunflitt.

NGO oħra kienet diġà preżenti fis-Sri Lanka tal-Lvant, jimplimentaw proġett ifffinanzjat mid-DĠ ECHO b'relazżjoni mal-kunflitt.

20. Fl-Indoneżja, evalwazzjonijiet preċiżi tal-bżonnijiet kienu diffiċli fis-sitwazzjoni immedjatament wara z-tsunami minħabba l-konfużjoni ġenerali u nuqqas ta' informazzjoni affidabbli. In-nuqqas ta' aċċess għal żoni milquta, il-parti l-kbira minħabba l-qerda fuq skala kbira u l-parti l-oħra minħabba s-sitwazzjoni ta' sigurtà, naqqas it-tisħiħ fil-qasam ta' organizzazzjonijiet umanitarji. Kien biss fl-aħħar ta' Jannar li ħafna mill-organizzazzjonijiet kienu stabbiliti tajjeb fil-kosta tal-Punent ta' Sumatra, li kellihom impatt fuq il-kwalità u evalwazzjonijiet tal-bżonnijiet f'waqthom. Ċerti proposti ta' proġett ifffinanzjati taħt id-deċiżjoni ta' emerġenza ppreżentaw proposta standard ta' reazzjoni ta' emerġenza minflok reazzjoni ta' sejbiet speċifiċi bbażati fuq evalwazzjonijiet aktar preċiżi tal-bżonnijiet. F'Ġunju 2005 l-Uffiċċju tal-UN għall-Koordinazzjoni ta' Affarijiet Umanitarji (UNOCHA) tella' grupp ta' ħidma reġjonali dwar lezzjonijiet mgħallma miż-tsunami li enfasizzaw in-nuqqas ta' konsultazzjoni mal-komunitajiet rigward l-ghajjnuna soċjali u x-xogħol ta' rkupru meħuda mill-komunità umanitarja sħiħa.

21. L-evalwazzjonijiet tal-bżonnijiet ta' proġetti miftehma minn Frar 2005 kienu affidabbli aktar minħabba d-disponibbiltà ta' aktar informazzjoni u aktar ħin biex jiġu ppreparati proposti. Per eżempju, fil-preparazzjoni tal-proġett tagħhom tal-kostruzzjoni ta' dgħajjes f'Aceh, NGO ħadmet fil-qrib mal-komunità u rnexxielha li tfassal proġett li jilħaq il-bżonnijiet tal-benefiċjarji.



Assistenza għall-għajxien: dgħajjes tas-sajd f'Aceh, Indoneżja (Sors: ECA)

(1) Espert ta' fuq il-post huwa terminu użat biex jirreferi għall-persunal ta' sostenn tekniku ta' l-ghajjnuna umanitarja tal-Kummissjoni.

## Effettività tal-koordinazzjoni

### Koordinazzjoni ta' numru kbir ta' organizzazzjonijiet umanitarji

22. L-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni ta' Affarijiet Umanitarji (UNOCHA) assuma r-rwol ta' koordinatur għall-attivitajiet ta' aġenziji ta' għajununa, sostnut minn aġenziji oħra tan-NU għas-setturi differenti kkonċernati. Madanakollu, in-NU iltaqgħet ma' l-ostakli segwenti għal koordinazzjoni effettiva:

- a) kien hemm informazzjoni inadegwata dwar danni u bżonnijiet u wkoll dwar azzjoni ta' għajununa soċjali pplanata u dik għaddejjja. Il-bżonn għal informazzjoni preċiża u affidabbli sa tard Mejju 2005 dwar in-numru u l-lok ta' nies imċaqalqa internament (IDPs) fl-Indoneżja turi din il-problema. F'Ġunju 2005 il-grupp ta' ħidma reġjonali ta' l-UNOCHA dwar il-lezzjonijiet mitgħallma enfasizza r-rekwiżit għal informazzjoni aħjar, problema li l-Kummissjoni rrikonossiet u ħadmet li tindirizza (ara kaxxa 4);
- b) numru kbir ta' organizzazzjonijiet umanitarji li kienu għadhom kif waslu, ħafna minnhom b'ammonti kbar ta' finanzjament privat, ħafna drabi operaw indipendentament minn mekkaniżmi ta' koordinazzjoni disponibbli;
- c) awtoritajiet lokali kienu inqas b'saħħithom minħabba telf materjali u uman u ma kienux hemm sistema li taħdem għar-reġistrazzjoni ta' NGOs u biex tassigura l-qbil ma' standards u parteċipazzjoni f'mekkaniżmi stabbiliti ta' koordinazzjoni. Il-punti għal aktar diskussjoni fil-karta ta' diskussjoni tal-Presidenza tal-Kunsill ta' l-UE ta' Diċembru 2005 <sup>(1)</sup> dwar ir-reazzjoni ta' l-UE għaż-tsunami jiffukaw fuq il-mistoqsija ta' x'tip ta' r-rwol il-komunità internazzjonali u l-UE jista' jkollhom biex isostnu l-gvernijiet fil-ġestjoni ta' koordinazzjoni ta' donaturi b'mod effettiv.

#### Kaxxa 4

##### **Id-DĠ ECHO rrikonossa u ħadem biex jindirizza l-problemi ta' koordinazzjoni**

L-istrateġija tad-DĠ ECHO fl-Indoneżja u fis-Sri Lanka kienet biex issostni l-irwol ta' koordinazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti. F'dan il-kuntest id-DĠ ECHO kkonċeda 1 miljun euro biex isostni iċ-Ċentru ta' Informazzjoni Umanitarja ta' l-UNOCHA (HIC) sabiex jipprovdri għodod ta' informazzjoni għall-ippjanar, implimentazzjoni u monitoraġġ ta' għajununa umanitarja. Evalwazzjoni konġunta ta' l-OCHA u l-ECHO tal-HIC f'April 2005 għamlet rakkomandazzjonijiet biex tiġi megħjuna tip-provdri idea ġenerali komprensiva tar-reazzjoni umanitarja u sabiex jiġu enfasizzati nuqqasijiet fil-bżonnijiet.

<sup>(1)</sup> Il-kontribuzzjoni ta' l-UE għar-reazzjoni internazzjonali għall-Kisbiet għall-Tsunami Ażjatiċu 2004, il-passi li jmiss u l-lezzjonijiet mgħallma. Karta ta' diskussjoni għal Laqgħa Livell Għoli fi Brussell, 20 ta' Diċembru milqugħa mill-Kummissjoni Ewropea u l-Presidenza ta' l-UE.

*Id-DĠ ECHO ipprova finanzjament lill-NGO f'Aceh biex tiġbor data dwar persuni mċaqalqa internament u tintegrahom fiċ-Ċentru ta' Informazzjoni Umanitarja.*

*Fis-Sri Lanka id-DĠ ECHO ffinanzja proġett implimentat minn organizzazzjoni internazzjonali biex tistabilixxi database ċentrali tal-benefiċjarju mmirat li jindirizza l-problema ta' nuqqas ta' informazzjoni ċara. Madanakollu, għalkemm il-proġett kien oriġinarjament inkoraġġut miċ-Ċentru għall-Operazzjonijiet Nazzjonali, huwa ma kienx sostnut mill-aġenziji tal-gvern li ħadu r-responsabbiltà ta' l-għajununa soċjali u rkupru minn Frar 2005. Għaldaqstant id-database twaqqfet sa Settembru 2005 meta l-proċess ta' reġistrazzjoni reġa bedat taħt id-direzzjoni tal-Gvern ta' Sri Lanka.*

23. B'riżultat tad-diffikultajiet ta' koordinazzjoni kien hemm varjazzjonijiet sinifikanti fil-livell u fil-kwalità ta' l-għajununa mogħtija mill-komunità internazzjonali. Ir-Rapport tad-Diżastri Dinjija tar-Red Cross ta' l-2005 jiddeskrivi kif ċerti komunitajiet f'Aceh kellhom għajununa żejda filwaqt li oħrajn kienu traskurati. Kien hemm provvediment żejjed ta' għajununa fis-settur tas-saħħa fl-Indoneżja u fil-provvista ta' dgħajjes fis-Sri Lanka u ċerta għajununa ma kinitx kompluta b'mod suffiċjenti, per eżempju dgħajjes tas-sajd mingħajr xbiek. Barra dan, f'Diċembru 2005, sena wara d-diżastru, madwar 67 000 persuna kienu għadhom jgħixu fit-tindri f'Aceh.

### **Koordinazzjoni tajba bejn id-DĠ ECHO u servizzi oħra tal-Kummissjoni ħliet għar-reazzjoni immedjata**

24. Il-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili qiegħed timijiet ta' esperti fiż-żoni l-aktar milquta miż-tsunami biex jgħinu jevalwaw is-sitwazzjoni u jikkordinaw il-wasla u t-tqassim ta' l-għajununa ta' protezzjoni ċivili offruta mill-Istati Membri. Il-Memorandum ta' Ftehim tas-16 ta' Marzu 2003 bejn id-DĠ ECHO u d-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent jiddikjara li koordinazzjoni mkabbrta ta' l-interventi ta' l-Għajununa Umanitarja u Protezzjoni Ċivili, kemm fil-kwartieri ġenerali kif ukoll fuq il-post, hija ta' importanza kbira biex jinkisbu sinerġiji koerenti ta' azzjoni Komunitarja. Il-proċeduri għandhom jassiguraw skambju ma' xulxin ta' informazzjoni fl-istadji kollha tal-kriżi u tal-laqgħat fuq il-post bejn id-DĠ ECHO u t-tim ta' Koordinazzjoni ta' Protezzjoni Ċivili għandu jassigura li l-attivitajiet kienu komplimentari. Madanakollu, kemm fis-Sri Lanka kif ukoll fl-Indoneżja l-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili kien ikkordinat mod insuffiċjenti ma' l-għajununa umanitarja.

25. Il-Kumitat ta' Għajununa Umanitarja tas-27 ta' Jannar 2005 iffoka fuq in-nuqqasijiet fil-koordinazzjoni bejn id-DĠ ECHO u iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u Informazzjoni

tal-Protezzjoni Ċivili (MIC) u kkunsidra li l-MIC ma llimitax lilu nnifsu għal attivitajiet ta' protezzjoni ċivili, imma kien daħal fuq il-qasam umanitarju li jaqbeż ir-rwol tagħhom u ta l-impressjoni li hija kienet qed tikkordina l-għajnuna ta' l-UE (1).

26. Dwar ir-rabta mal-fażi ta' rikostruzzjoni, id-DĠ ECHO jaħdem ma' servizzi tal-Kummissjoni oħra biex jassigura li jkun hemm rabta regolari u effettiva bejn l-isforzi għal għajnuna soċjali fuq terminu ta' żmien qasir u rikostruzzjoni fuq żmien itwal. Il-livell għoli ta' finanzjament tad-DĠ ECHO għin biex titnaqqas il-fażi transizzjonali li kienet itwal milli kien mistenni bejn l-għajnuna soċjali u r-rikostruzzjoni (ara l-paragrafu 15(a)). L-istrateġija li tgħaqqad l-għajnuna soċjali, riabilitazzjoni u żvilupp (LRRD) fl-Indoneżja u s-Sri Lanka tinvolvi l-użu tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida biex tipprovi immaġini satelitari tad-danni taz-tsunami li jistgħu jkunu ta' użu għall-ippjanar ta' rikostruzzjoni u l-preparazzjoni għad-diżastri. Il-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida għin ukoll jiffinanzja sforzi ta' medjazzjoni li wasslu għal ftehim ta' paċi f'Awwissu 2005 bejn il-Gvern ta' l-Indoneżja u l-Moviment Liberu ta' l-Aceh (GAM), li saħħaħ il-bażi għal sforzi ta' rikostruzzjoni.



Assistenza sanitarja: latrini f'Aceh, Indoneżja  
(Sors: ECA)

(1) Fi Frar 2005 il-Bord ta' Konsulenza tal-Koordinazzjoni ta' l-UN tad-Diżastru u Evalwazzjoni (UNDAC) iddiskuta l-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili u kien ikkonċernat bid-duplikazzjoni possibli ta' rwoli wara t-tsunami. Konsegwentament, l-Uffiċċju tal-UN għall-Koordinazzjoni ta' Affarijiet Umanitarji (UNOCHA) talab proċeduri ċari għall-koordinatur tal-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili ta' l-UE biex jaħdmu f'mekkaniżmi miftehma internazzjonali li diġa' jeżistu.

### **Ir-Rwol ta' sistemi ta' monitoraġġ biex jassiguraw relevanza, effiċjenza u implimentazzjoni f'waqtha**

#### **Sistema ta' monitoraġġ u kontroll komprensiva kif xieraq**

27. Sabiex jimmonitorja u jikkontrolla l-implimentazzjoni ta' proġett, id-DĠ ECHO jserraħ fuq il-mekkaniżmi segwenti:

- a) ir-rapporti u ż-żjarat ta' monitoraġġ ta' esperti ta' fuq il-post tad-DĠ ECHO ikkomplementati bi żjarat ta' monitoraġġ ta' superviżjoni minn desk officers;
- b) rapporti tas-soċji tad-DĠ ECHO;
- c) żjarat fuq il-post ta' l-Unità ta' Verifika u Finanzi tad-DĠ ECHO;
- d) kontrolli qabel il-pagament finali u verifiki esterni aktar tard tas-soċji.

28. L-esperti ta' fuq il-post tad-DĠ ECHO wettqu żjarat ta' monitoraġġ ta' proġetti li qed jiġu implimentati minn soċji biex jassiguraw ir-relevanza, l-effiċjenza u implimentazzjoni f'waqtha. Fuq il-bażi taż-żjarat ta' monitoraġġ, azzjoni xierqa tista' tittieħed fil-livell ta' kwartieri ġenerali jew lokali. Per eżempju, ir-rapport ta' monitoraġġ tal-programm ta' sostenn psikoloġiku ta' April 2005 fis-Sri Lanka enfasizza problemi fir-reklutaġġ ta' persunal lokali. L-uffiċjal tad-DĠ ECHO fi Brussell għaldaqstant ikkuntattja l-Kwartieri Ġenerali tar-Red Cross ikkonċernati biex jikseb assigurazzjoni li l-memorandum ta' ftehim mar-Red Cross tas-Sri Lanka ser jiġi ffirmata biex jippermetti r-reklutaġġ ta' persunal lokali għal fażi li jmiss tal-proġett.

29. Wara t-tsunami fis-26 ta' Diċembru 2004, persunal tad-DĠ ECHO kien fis-Sri Lanka fis-27 ta' Diċembru 2005 u f'Jakarta, l-Indoneżja fit-28 ta' Diċembru 2004. Fl-1 ta' Janar 2005 l-ewwel esperti tad-DĠ ECHO waslu f'Aceh. Id-DĠ ECHO reġa' qiegħed assistenti tekniċi minn reġjuni oħra per eżempju l-Amerika t'Isfel, l-Afrika u l-Lvant Nofsani sabiex jassistu fir-reazzjoni inizjali għaż-tsunami. Il-bżonn għal esperti ta' fuq il-post permanenti kien identifikat f'Janar 2005 u dawn kienu fil-post f'Aceh sa April 2005. Wara z-tsunami l-Kummissjoni ħadet impenn li żdied in-numru ta' esperti ta' fuq il-post tad-DĠ ECHO minn 69 għal 150 (2). Fis-Sri Lanka, 23 żjara ta' monitoraġġ kienu mwettqa għal disa' proġetti ffinanzjati mid-deċiżjoni ta' emerġenza ta' 10 miljun euro. Fl-Indoneżja 13-il żjara ta' monitoraġġ kienu mwettqa għal disa' proġetti ffinanzjati mid-deċiżjoni ta' emerġenza ta' 10 miljun euro, i-biċċa l-kbira wara l-wasla ta' l-esperti ta' fuq il-post preżenti f'April 2005. Rapport ta' monitoraġġ kien magħmul minn esperti ta' fuq il-post tad-DĠ ECHO wara kull żjara ta' monitoraġġ.

(2) COM(2005) 153 — Rinforz mill-ġdid tar-Reazzjoni għal Kriżi u Diżastru ta' l-UE fil-pajjiżi terzi.

30. M'hemm l-ebda linji ta' gwida speċifiċi għall-esperti ta' fuq il-post tad-DĠ ECHO għar-rappurtar tas-sejbiet ta' missjonijiet ta' monitoraġġ. Fl-aħħar ta' kull missjoni ta' monitoraġġ l-esperti ta' fuq il-post tad-DĠ ECHO ikollhom laqgħa ta' stħarriġ mat-tim ta' fuq il-post tas-soċji. Madanakollu, id-DĠ ECHO ma jipprovdix *feedback* bil-miktub b'mod sistematiku lis-soċju biex juri kwistjonijiet li joħorġu matul iż-żjara ta' monitoraġġ u l-azzjoni miftelma. *Feedback* bil-miktub jista' jippermetti lis-soċju biex jibbenifika aktar mill-parir u sostenn li jirriżultaw minn żjarat ta' monitoraġġ tad-DĠ ECHO u jista' jgħin isolvi problemi identifikati.

31. L-informazzjoni miksuba miż-żjarat ta' monitoraġġ mill-esperti ta' fuq il-post tad-DĠ ECHO hija supplimentata minn informazzjoni miġbura fir-rapporti tas-soċji. Għall-proġetti b'dewmien ta' sitt xhur, is-soċji huma meħtieġa li jibgħatu lid-DĠ ECHO rapport finali preliminari xahar qabel it-tmien tal-proġett u rapport finali fi żmien sitt għinghat wara t-tmien tal-proġett, jew tlett xhur għall-proġetti tan-NU. Għad-deċiżjonijiet ta' emerġenza ta' 10 miljun euro fis-Sri Lanka u fl-Indoneżja b'dewmien ta' sitt xhur, ħafna mis-soċji ppreżentaw ir-rapporti finali preliminari tagħhom fil-ħin, imma kien hemm dewmien ta' xahar jew xahar-rejn għal ħafna mir-rapporti finali.

32. Barra ż-żjarat ta' monitoraġġ ta' l-esperti ta' fuq il-post u tad-*desk officers* tad-DĠ ECHO u l-informazzjoni miġbura fir-rapporti tas-soċji, l-implimentazzjoni ta' proġett hija wkoll immonitorjata minn persunal ta' l-Unità ta' Finanzi u Verifika tad-DĠ ECHO li jwettqu kontrolli fuq il-post fuq selezzjoni ta' proġetti. Fl-2005 l-kontrolli fuq il-post tad-DĠ ECHO ffukaw fuq ir-reazzjoni tat-tsunami u l-valur ta' proġetti eżaminati fuq il-post fis-Sri Lanka u l-Indoneżja kien ta' 19-il miljun euro jew 18 % ta' l-103 miljun euro ta' proġetti kkuntrattati mid-DĠ ECHO relatati mar-reazzjoni għat-tsunami sa l-aħħar ta' l-2005. Il-verifikazzjoni fuq il-post tal-proġetti implimentati minn aġenzija tan-NU fl-Indoneżja enfasizzat problemi ta' aċċess għal dokumentazzjoni li, għalkemm meġhluha, ser ikun hemm bżonn jiġu ċċarati fil-laqgħat ta' ħidma dwar il-Ftehim Qafas Amministrattiv u Finanzjarju (FAFA) (ara l-kaxxa 5).

#### Kaxxa 5

##### Aċċess għal dokumentazzjoni ta' l-UN

Id-DĠ ECHO ltaqa' ma' problemi biex jikseb aċċess għal informazzjoni finanzjarja rilevanti mitluba għal żjara ta' kontroll fuq il-post f'Ġunju 2005 ta' proġett ta' aġenzija tal-UN ta' 500 000 miljun euro għal azzjonijiet ta' emerġenza tas-saħħa fl-Indonesja, kuntrarju tar-rekwiżiti tal-Ftehim Qafas Amministrattiv u Finanzjarju (FAFA). Wara diskussjonijiet ma' l-aġenzija tan-NU din il-kwistjoni kienet iċċarata u d-DĠ ECHO kiseb aċċess għad-dokumentazzjoni rilevanti f'Novembru 2005.

33. Il-kontroll finali qabel il-pagament finali huwa wkoll imwettaq mill-Unità ta' Finanzi u Verifika tad-DĠ ECHO. Dan il-kontroll jieħu in konsiderazzjoni l-kummenti ta' l-espert ta' fuq il-post u tad-*desk officer* tad-DĠ ECHO fuq ir-rapport finali tas-soċju u rakkomandazzjonijiet tagħhom jekk jipproċedux jew le bil-pagament. Barra hekk dan il-kontroll tal-pagament huwa wkoll ibbażat fuq il-lista ta' nefqa, dettalji ta' l-istokk, proċeduri ta' akkwist, listi tal-persuanl u kopji ta' fatturi meta jkun ikkunsidrat xieraq. Barra minn dan, l-Unità ta' Finanzi u Verifika tad-DĠ ECHO tirraġa għal verifika esterna indipendenti tad-dokumentazzjoni tal-proġett fil-kwartieri ġenerali tas-soċju għal kampjun ta' proġetti. Dawn il-verifiki esterni wrew li kienu għodda effettiva biex tiġi identifikata n-nefqa eliġibbli għall-irkupru, l-parti l-kbira minħabba nuqqas ta' dokumentazzjoni ta' ġustifikazzjoni. Madanakollu, hemm dewmien konsiderevoli bejn it-tmien ta' proġett u l-verifika esterna li d-DĠ ECHO jimmira li jnaqqas billi jkopri s-soċji kollha fuq ċiklu ta' sentejn.

#### Adattament tar-reazzjoni inizjali sabiex tiġi assigurata relevanza

34. Il-proċeduri tad-DĠ ECHO jirrikonoxxu l-bżonn li jkunu flessibbli u l-Artikolu 10 tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija jiġbor proċeduri sempliċi biex jiġu modifikati proġetti biex jippermettilhom li jibqgħu rilevanti għar-reazzjoni għall-bżonnijiet li qed jevolvu. Ġeneralment proċeduri flessibbli ppermettew u proġetti jiġu modifikati biex jilhqnu l-bżonnijiet li qed jevolvu u jassiguraw ir-relevanza ta' l-implimentazzjoni (ara l-kaxxa 6).

#### Kaxxa 6

##### Modifikazzjoni ta' proġetti biex jiġu ndirizzati l-bżonnijiet li qed jevolvu

F'Ġunju 2005 fis-Sri Lanka aġenzija tan-NU wissiet bil-provvista żejda ta' dgħajjes tas-sajd żgħar li jistgħu jikkontribbixxu għal iżjed sajd u danni fuq terminu ta' żmien twil għar-riżorsa tas-sajd tal-kosta. F'Awwi 2005 il-proġett tagħhom kien immodifikat biex inaqas in-numru ta' dgħajjes li kellhom jiġu msewwija jew manifatturati u biex minflok tipprovdri 15 000 sett ta' tagħmir tas-sajd.

Fi żmien l-ewwel xahar taz-tsunami kien ċar li l-Gvern tas-Sri Lanka kien irċieva biżżejjed donazzjonijiet ta' mediċini biex ikopru l-bżonnijiet eżistenti kollha. Il-proġett tan-NU ifffinanzjat mid-DĠ ECHO kien għaldaqstant emendat biex jalloka mill-ġdid finanzjament lil sostenn psikoloġiku u sostenn lil strutturi lokali tas-saħħa.

Proġett ieħor fis-Sri Lanka kien jinkludi 21 500 razzjoni ta' biskuttini nutrijenti ħafna għal tfalet taħt il-ħames snin bħala parti mill-pjan ta' kontinġenza. Dan il-biskuttini ma kinux meħtieġa u l-28 000 euro inizjalment ipplanati għas-sigurtà ta' l-ikel kienu allokati mill-ġdid għas-sostenn ta' l-għajxien.

Soċju fl-Indonesja biddel tined ma' kċejjen biex jirrispondu għall-bżonnijiet li qed jevolvu tal-benefiċjarji.

Proġett ta' l-NGO kien modifikat meta reazzjoni internazzjonali kbira evitat kriżi nutrizzjonali. Il-programm ta' nutrizzjoni ta' emerġenza ma kienx għadu aktar meħtieġ u għaldaqstant ġie sostitwit ma' programm ta' edukazzjoni dwar in-nutrizzjoni u nutriment supplementari.

### Dewmien li rriżultaw minn saturazzjoni ta' kapaċità u limitazzjonijiet esterni oħrajn

35. Dwar implimentazzjoni f'waqtha ta' proġett, id-DG ECHO għen biex jintgħelbu ċerti limitazzjonijiet identifikati fir-rapporti ta' monitoraġġ. Per eżempju, fl-Indoneżja r-rapport ta' monitoraġġ ta' Mejju 2005 dwar proġett tan-NU enfasizza n-nuqqas ta' esperti biex jimplementaw l-attivitajiet. Għaldaqstant azzjoni ttieħdet fil-livell tal-kwartieri ġenerali fid-DG ECHO u l-aġenzija tan-NU li rriżultat fir-reklutaġġ ta' persunal neċessarju. Madanakollu, dewmien ieħor identifikat fir-rapporti ta' monitoraġġ ma kinux indirizzati mis-soċju matul l-iskala ta' żmien tal-proġett (ara l-kaxxa 7). Kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni minn soċji minħabba kompetizzjoni għar-risorsi bejn numru kbir ta' organizzazzjonijiet umanitarji li kienu għadhom kif waslu. Fis-Sri Lanka dewmien irriżultaw ukoll minħabba limitazzjonijiet esterni oħra bħat-tneħħija ta' eżenzjonijiet ta' dazju fuq oġġetti umanitarji fi Frar 2005 u restrizzjonijiet fuq il-bini fiż-żona ta' riserva imposta mill-gvern, imneħħija fl-aħħar tas-sena 2005 li invalidat ħafna mill-evalwazzjonijiet u ħafna proġetti (ara l-kaxxa 7).

#### Kaxxa 7

##### Eżempji ta' dewmien fl-implimentazzjoni ta' proġett mis-soċji

L-attrezzatura għat-trattament ta' l-ilma f'Pramuka, Jantho, Indoneżja ma setgħax taħdem sa Ġunju 2005, 4 xhur wara l-wasla tagħha, minħabba n-nuqqas ta' pilloli ta' kloru li rriżulta minn proċeduri bil-mod ta' l-akkwist.

Il-provvista ta' xelters fis-Sri Lanka kienet imdewwma minħabba skarsità ta' art adattata għar-rilokazzjoni ta' komunitajiet li ma tħallewx jirritornaw fiż-żona ta' konservazzjoni tal-kosta. Art allokata lil organizzazzjoni internazzjonali għall-kostruzzjoni kienet wara allokata mill-awtoritajiet lokali lil partijiet oħra.

Id-distribuzzjoni ta' xbiek għas-sajd minn soċju fis-Sri Lanka kienet imdewwma minħabba diffikultajiet ta' akkwist u l-ħin meħud biex jiġi definit it-tagħmir. Sakemm l-NGO kienet lesta li tidistribwixxi ċerti bżonnijiet, e.ż. għat-tagħmir tas-sajd dawn kienu diġa' ġew milħuqa minn organizzazzjonijiet oħra. Dan wassal għal aktar dewmien għaliex l-NGO kellha taġġmel stimi ġodda tal-bżonnijiet.

### Informazzjoni dwar l-effiċjenza ta' l-implimentazzjoni ta' proġett

36. Il-monitoraġġ ta' l-effiċjenza ta' implimentazzjoni teħtieġ informazzjoni fuq spejjeż, arranġamenti organizzattivi u dwar il-pożizzjoni reali tal-prodotti. Dwar l-ispejjeż, sabiex tingħata reazzjoni f'waqtha, l-għażla tal-proposti tas-soċji mhix irriżultat ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti kompettiva. Il-proċeduri ta' akkwist tas-soċji tad-DG ECHO kienu eżaminati matul il-verifiki esterni tas-soċji fil-kwartieri ġenerali u matul il-verifikazzjonijiet fuq il-post ta' l-Unità ta' Finanzi u Verifika tad-DG ECHO. Ma' dan, l-analiżi ta' proposti ta' proġett mill-esperti ta' fuq il-post tad-DG ECHO tiġbor analiżi ta' l-ispiża ta' kull unità bħala fattur biex jiġi deċiż jekk is-soċji humiex qed joffru oġġetti u servizzi bi prezz ġust. Madanakollu, din l-analiżi hija ta' valur limitat biex tipprovi assigurazzjoni dwar l-effiċjenza u tista' tkun imtejba b'informazzjoni komparattiva u monitoraġġ ta' segwitu sistematiku. Hemm lok fejn tiġi żviluppata aktar l-informazzjoni komparattiva dwar l-ispejjeż u biex tiġi mmonitorjata l-ispiża ta' kull unità matul l-implimentazzjoni. Partikolarment wara diżastru li ma kienx mistenni, din l-informazzjoni tirrinforza mill-ġdid l-assigurazzjoni li l-oġġetti u s-servizzi huma miksuba bi prezz ġust. Sadanittant, id-DG ECHO qed jiżviluppa s-sistema ta' monitoraġġ tiegħu sabiex hija maħsuba li tassisti awtomatikament għall-kalkolu ta' l-ispiża ta' kull unità u r-relazzjoni ma' spejjeż diretti biex isostnu l-ispejjeż.

37. Ċerti rapporti ta' monitoraġġ jipprovdu dettalji insuffiċjenti ta' l-arranġamenti organizzattivi li huma xi drabi kumplessi biex juru jekk is-soċju huwiex iwettaq il-kompiti ta' proġett jew jekk huwa s-sotto kkuntrattax attivitajiet ma' NGOs oħrajn jew intrapriżi privati (ara l-kaxxa 8). Peress li huma biss il-firmatarji tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u l-Ftehim Qafas Amministrattiv u Finanzjarju li kienu evalwati bħala soċji adattati, huma importanti li jiġu identifikati dawk l-organizzazzjonijiet li qed jimplementaw il-proġetti ffinanzjati mid-DG ECHO li ma kinux evalwati b'dan il-mod.

#### Kaxxa 8

##### Arranġamenti organizzattivi mhux spjegati fir-rapporti ta' monitoraġġ

Fis-Sri Lanka attivitajiet ta' tiswija ta' dgħajjes ta' aġenzija tan-NU kienu qed jitwettqu minn intrapriżi privati u attivitajiet ta' ilma u sanità ta' soċju ta' ECHO kienu qed isiru minn NGOs lokali.

Fl-Indonesja, għalkemm ir-rapporti ta' monitoraġġ iddikjaraw li aġenzija tan-NU partikolari użat NGOs biex timplementa proġetti, l-NGOs ikkonċernati ma kinux identifikati.

Dawn l-arranġamenti speċifiċi ma kinux deskritti fir-rapporti ta' monitoraġġ.

38. Il-monitoraġġ tad-DĠ ECHO jimmira li jiffoka aktar fuq ir-riżultati milli fuq prodotti (jiġifieri, numru ta' djar okkupati minn familji aktar milli numru ta' xelters mibnija). Rapporti ta' monitoraġġ ma jikkwantifikawx sistematikament l-iskop ta' l-attivitajiet ta' proġett u lanqas ma jinkorporaw approvazzjoni formali ta' xogħlijiet lesti, bħal xelters, latrini jew dgħajjes. Madanakollu huwa importanti li jkun hemm informazzjoni ċara dwar dak li sar u fejn sar, bħala prerekwiżit għar-rappurtar dwar riżultati. Informazzjoni dwar il-pożizzjoni reali tal-prodotti hija neċessarja biex tassigura li oġġetti u servizzi kienu provduti u skond l-istandard meħtieġ (ara kaxxa 9).

### Kaxxa 9

#### Bżonn li tittejjeb l-informazzjoni dwar il-prodotti

Fil-każ ta' proġett fl-Indonesja kien diffiċli għall-esperti ta' fuq il-post tad-DĠ ECHO biex jidentifikaw liema attivitajiet kienu ffinanzjati mid-DĠ ECHO. Kien hemm bidliet frekwenti fil-persunal li ma kinux kapaċi jgħidu preċiżament x'kien sar bil-finanzjament tad-DĠ ECHO. Minkejja talbiet mill-esperti ta' fuq il-post tad-DĠ ECHO, l-aġenzija tan-NU ikkonċernata ma provdietetx informazzjoni ddettaljata dwar attivitajiet li saru sat-tmien tal-proġett.

Ir-rapport finanzjarju interim ta' proġett fis-Sri Lanka alloka 1,45 miljun euro jew 85 % tan-nefqa lit-titolu tal-baġit "sajd" mingħajr aktar dettall. Il-provediment ta' informazzjoni finanzjarja ddettaljata jista' jiffaċilita l-monitoraġġ effettiv ta' l-implimentazzjoni ta' proġett.

39. Il-verifika tagħna kkonfermat ukoll rapporti ta' monitoraġġ tad-DĠ ECHO li kkunsidraw li l-viżibilità ta' azzjonijiet iffinanzjati mid-DĠ ECHO kienu ġeneralment sodisfaċenti, għalkemm f'ċerti każijiet kien hemm skop għat-titjib. Per eżempju, il-viżibilità tad-DĠ ECHO kienet fqira fiċ-ċentru ta' ħarsien tat-tfal f'Jantho, Aceh, u dwar l-attrezzatura għat-trattament ta' l-ilma implimentati minn aġenzija tan-NU. Bl-analizzazzjoni ta' l-isforz ġenerali ta' l-għajjnuna internazzjonali, is-Sejbiet Inizjali tal-Koalizzjoni għall-Evalwazzjoni taz-Tsunami (TEC) huma kritiċi dwar l-aġenziji umanitarji għall-iffukar fuq promozzjoni ta' ditta u qed jikkompetu għall-viżibilità għak-kost li jilhq u l-bżonnijiet veri tal-benefiċjarji. Madanakollu, azzjonijiet ta' viżibilità għandhom il-benefiċċju addizzjonali li jgħinu jnaqqsu r-riskju ta' finanzjament doppju billi jidentifikaw ċarament min iffinanzja xiex.



Attrezzatura għat-trattament ta' l-ilma f'Acch, Indoneżja.  
(Sors: ECA)

#### Kisba ta' riżultati u suffiċjenza ta' sostenibbiltà

#### Proġetti kkontribwew għas-suċċess tar-reazzjoni ġenerali għalkemm ċerti prodotti u riżultati bilkemm kienu ppjanati

40. Fir-rigward ta' prodotti, il-proġetti ffinanzjati mid-DĠ ECHO kienu implimentati, għalkemm f'ċerti każijiet l-inflazzjoni naqqset il-livell ta' prodotti u ċerti attivitajiet ma setgħux jitwettqu fl-iskala ta' żmien tal-proġett minħabba diffikultajiet fil-kisba ta' oġġetti u fir-reklutaġġ ta' persunal kwalifikat (ara kaxxa 10).

### Kaxxa 10

#### Ċerti prodotti ta' proġetti bilkemm ikunu ppjanati

Fis-Sri Lanka, minħabba ż-żieda ta' spejjeż ta' materjali u xogħol, proġett iffinanzjat mid-DĠ ECHO naqqas in-numru ta' xelters mibnija għal 2 018 minflok l-2 500 ippjanati inizjalment.

Fl-Indonesja NGO partikolari ma setgħatx tispiċċa d-distribuzzjoni ta' 1 500 000 flixxun ta' kimiċi biex jiġi trattat l-ilma minħabba diffikultajiet ta' akkwist. Għalkemm kienet misteħma estensjoni ta' tlett xhur, fit-tmien tal-proġett f'Lulju 2005, 900 000 flixxun baqgħu mhux distribwiti. Il-flixxien kienu finalment distribwiti bi ispejjeż għas-soċju nnifsu.

41. Fir-rigward ta' riżultati, proġetti ffinanzjati mill-Kummissjoni taw kontribuzzjonijiet sostanzjali biex ikopru l-bżonnijiet bażiċi tal-popolazzjoni fir-rigward ta' xelters, ikel, ilma u sanità, saħħa, sostenn psikososċjali, kura tal-familja u tfal u telekomunikazzjonijiet (ara kaxxa 11). Il-proġetti ffinanzjati mill-Kummissjoni kkontribwew ukoll biex jingħataw lura l-għajxen,

per eżempju permezz ta' provvista ta' dgħajjes u tagħmir tas-sajd u r-riabilitazzjoni ta' moll. Madanakollu, fir-rigward ta' benefiċjarji milħuqa, is-suċċess ta' proġetti kien xi drabi inqas minn dak inizjalment ipplanat, l-parti l-kbira minħabba stimi żejda ta' bżonnijiet mhux preċiżi li rriżultaw mill-bżonn ta' reazzjoni rapida (ara l-paragrafu 20). Dan kien il-każ għal proġett ta' ilma u sanità fis-Sri Lanka li laħaq xi 37 000 benefiċjarji minflok il-50 000 ipplanati inizjalment. B'mod partikolari l-komponent ta' ilma u sanità ta' proġett ta' aġenzija tan-NU f'Aceh laħaq 100 000 persuna, li jirrappreżentaw biss 5 % taż-2 miljun benefiċjarju ipplanat inizjalment. Bħala riżultat ta' din il-kopertura baxxa, bl-għaqda tad-diffikultajiet biex jiġu identifikati l-prodotti tal-proġett matul l-implimentazzjoni, id-DĠ ECHO huwa mħasseb dwar il-kapaċità operattiva ta' dan is-soċju biex jassumi koordinazzjoni għas-settur ta' l-ilma u sanità.

### Kaxxa 11

#### Riżultati ta' l-għajjnuna umanitarja tal-Kummissjoni

*Il-Kummissjoni rrapportat li l-għajjnuna umanitarja tiegħu fl-Indonesja, fis-Sri Lanka, fl-Indja, fil-Maldivi u fit-Tajlandja kkontribwiet biex tippovdi:*

- ilma nadif għax-xorb u faċilitajiet sanitarji għal aktar minn 720 000 persuna;
- razzjoni ta' għajjnuna ta' ikel kull ġimgħa għal kważi 900 000 persuna mċaqlqa;
- materjali għax-xelters għal kważi 140 000 persuna biex isewwu jew jibnu mill-ġdid id-djar tagħhom jew biex iwaqqfu xelters transizzjonali;
- Servizzi tas-saħħa u sistema ta' data epidemjoloġika għall-benefiċċju ta' 840 000 persuna;
- assistenza psikosoċjali għal aktar minn 260 000 persuna;
- ġenerazzjoni tad-dħul u sostenn għall-għajjnien għal madwar 325 000 persuna.

42. Inizjattiva ta' evalwazzjoni maġġuri hija l-Koalizzjoni għall-Evalwazzjoni taz-Tsunami (TEC), li qed jikkontribwixxi għaliha d-DĠ ECHO. Dan huwa sforz kollaborattiv minn aġenziji ta' għajjnuna biex jitgħallmu mir-reazzjoni għaż-tsunami. Din wettqet ħames evalwazzjonijiet tematiċi fuq ir-reazzjoni tad-donatur, koordinazzjoni, evalwazzjonijiet tal-bżonnijiet, l-impatt fuq il-kapaċitajiet nazzjonali u lokali u l-għaqda ta' l-għajjnuna soċjali

mar-riabilitazzjoni u l-iżvilupp fuq terminu ta' żmien twil. Is-sejbiet inizjali ta' l-evalwazzjoni TEC jikkonkludu li b'mod ġenerali l-isforz ta' għajjnuna soċjali, għalkemm ikkoordinat b'mod fqir u ineffiċjenti, kien effettiv biex jillimita t-tbatija permezz tal-provvista ta' ikel, ilma u xelter. Ir-Rapport dwar Diżastri Dinjija tar-Red Cross ta' l-2005 simularment jikkonkludi li, minkejja l-bżonn ta' koordinazzjoni imtejba, ir-reazzjoni enormi rnextx-ielha għib għajjnuna lill-parti l-kbira tas-superstiti u tipprevjeni aktar gūh u mard. Iż-żjarat lill-proġetti mwettqa matul il-verifika tagħna u l-intervisti mal-persuni nvoluti lokali kollha inklużi l-benefiċjarji, l-parti l-kbira kkonfermaw il-konklużjonijiet ta' dawn l-evalwazzjonijiet.

43. Rigward żviluppi futuri, id-DĠ ECHO qed jiffinanzja proġett ta' 2 miljun euro, b'fondi mid-deċiżjoni ta' 80 miljun euro, biex isostnu proġett għall-preparazzjoni għad-diżastri tan-NU biex isaħħaħ sistemi ta' twissija minn kmieni fir-reġjun ta' l-Oċċjan Indjan. Kemm l-Asja tan-Nofs Inhar kif ukoll l-Asja tax-Xlokk qed jibbenifikaw mill-pjanijiet ta' azzjoni DIPECHO <sup>(1)</sup> u ġew allokati madwar 11-il miljun euro għal proġetti għall-preparazzjoni għad-diżastri f'komunità fl-2005-2006. Il-grupp ta' ħidma dwar lezzjonijiet mitgħallma ta' l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni ta' Affarijiet Umanitarji ta' l-UN (UNOCHA) ta' Ġunju 2005 enfasizza l-bżonn ta' titjib sinifikanti fil-mekkaniżmu ta' preparazzjoni għad-diżastri.

#### Sostenibbiltà adegwata promossa b'livell għoli ta' finanzjament

44. Id-DĠ ECHO huwa responsabbli għar-reazzjoni umanitarja li tikkonsisti f'għajjnuna soċjali ta' emerġenza u riabilitazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir, filwaqt li r-riabilitazzjoni fuq terminu ta' żmien itwal, rikostruzzjoni u rkupru huma taħt ir-responsabilità tad-DĠ RELEX u tad-DĠ AIDCO. Minħabba l-indhail ta' DGs differenti, proċeduri u mandati ta' dawn iż-żewġ fażijiet, il-qasam inċert u l-proċess ta' għaqda bejn l-għajjnuna soċjali, riabilitazzjoni u żvilupp (LRRD) huma partikolarment importanti. Il-livell għoli ta' finanzjament tad-DĠ ECHO disponibbli għaż-tsunami ppermetta d-DĠ ECHO biex jiffoka fuq setturi ta' għajjnuna soċjali prinċipali bħal ikel u ilma, sanità, saħħa u xelter, imma wkoll biex inaqqsu l-fażi transizzjonali li kienet itwal milli kien mistenni permezz ta' interventi ta' kwalità u, u f'ċerti każijiet, biex jiffinanzja proġetti ta' riabilitazzjoni b'orjentazzjoni ta' żvilupp (ara l-kaxxa 12).

(1) DIPECHO tfisser Il-Preparazzjoni tad-DĠ ECHO għad-diżastri

**Kaxxa 12****Interventi ta' kwalità għolja u orjentazzjoni ta' żvilupp biex jgħinu jassiguraw sostenibbiltà**

Fis- Sri Lanka l-livell għoli ta' bini ta' latrini għandu jassigura li dawn iservu għal żmien twil. Barra dan it-twaqqif ta' kumitati ta' iġene fil-kampijiet hija approċċ sostenibbli għal promozzjoni ta' l-iġene.

Fl-Indoneżja proġett li jinvolvi l-bini ta' dgħajjes u moll għandu orjentazzjoni ta' żvilupp li jenfasizza s-sostenibbiltà. Similarmet proġett tan-NU ieħor fis-Sri Lanka mmira biex itejjeb l-effiċjenza tal-flotta Sri Linkana permezz tal-bini ta' dgħajjes ta' kwalità għolja u permezz ta' taħriġ fit-tekniki mtejba ta' sajd.

Proġett ta' l-NGO fl-Indoneżja għat-trattament ta' l-ilma b'kimiċi ffinanzjat taħt id-deċiżjoni ta' emerġenza ta' 10 miljun euro kien segwit bi proġett ieħor ffinanzjat mill-Kummissjoni taħt id-deċiżjoni ta' 80 miljun euro dwar sistemi ta' provvista ta' ilma aktar sostenibbli.

Is-sostenibbiltà ta' proġett ta' l-NGO fl-Indoneżja hija megħjuna mill-fatt li parti kbira ta' attivitajiet fil-kampijiet huma organizzati minn membri tal-kumitat fuq bażi volontarja.



Assistenza lil nies bla dar: Xelters fis-Sri Lanka  
(Sors: ECA)

**KONKLUŻJONIJIET**

45. Wara t-tsunami tas-26 ta' Diċembru 2004 kien hemm bżonn li jsir bilanċ tax-xewqa ta' intervent ipplanat tajjeb bin-neċessità ta' azzjoni rapida. Il-proċeduri tad-DG ECHO ippermettew reazzjoni rapida u l-livell għoli ta' finanzjament ta' 123 miljun euro irriżultatw xieraq, u ppermetta wkoll lid-DG ECHO biex

jilħaq il-bżonnijiet tal-popolazzjoni milquta mill-kunflitt, min-barra illi għen biex timtela l-fażi li kienet itwal milli mistennija bejn l-għajnuna soċjali u r-rikostruzzjoni (ara l-paragrafi 12 sa 15).

46. Id-deċiżjoni li jaħdem ma' soċji eżistenti fis-Sri Lanka ppermettiet lill-Kummissjoni biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' proġetti minkejja n-numru kbir ta' organizzazzjonijiet umanitarji li kienu għadhom kif waslu b'fondi li kienu jeċċedu l-bżonnijiet. F'Acch id-DG ECHO ma kellux preżenza qabel it-tsunami u kien hemm nuqqas ta' informazzjoni affidabbli bir-riżultat li ċerti proġetti miftehma mid-DG ECHO fix-xahar wara t-tsunami kienu bbażati fuq proposta ta' reazzjoni ta' emerġenza standard aktar milli fuq evalwazzjoni preċiża ta' bżonnijiet. L-evalwazzjonijiet ta' bżonnijiet ta' proġetti miftehma minn Frar 2005 kienu affidabbli ħafna minħabba d-disponibbiltà ta' aktar informazzjoni u aktar ħin biex jiġu ppreparati l-proposti (ara l-paragrafi 16 sa 21).

47. Ir-rwol koordinattiv tan-Nazzjonijiet Uniti kien magħmul diffiċli minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli dwar il-bżonnijiet, il-wasla ta' numru kbir ta' organizzazzjonijiet umanitarji u n-nuqqas ta' kapaċità ta' l-awtoritajiet lokali, li rriżultatw f'varjazzjonijiet fil-livell u l-kwalità ta' għajnuna provduta. Koordinazzjoni interna bejn id-DG ECHO u servizzi oħra tal-Kummissjoni kienet tajba għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-għaqda mal-fażi ta' rikostruzzjoni. Madanakollu, l-koordinazzjoni mal-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili kienet problematika fl-istadji inizjali tar-reazzjoni (ara l-paragrafi 22 sa 26).

48. Id-DG ECHO għandu sistema komprensiva għal monitoraġġ u kontrollar ta' proġetti li ġeneralment ippermettiet li proġetti jiġu modifikati biex jilhqg l-bżonnijiet li dejjem jevolvu. Madanakollu, hemm skop biex jiġi provdut *feedback* bil-miktub lis-soċji wara ż-żjarat ta' monitoraġġ, biex tiġi żviluppata informazzjoni komparattiva u biex jiġu provduti aktar dettalji dwar l-arranġamenti organizzattivi li xi drabi huma kumplessi. Rapporti ta' monitoraġġ ma jikkwantifikawx sistematikament il-kisba tal-miri ta' proġetti, u fil-każ ta' proġett tan-NU fl-Indoneżja kien partikolarment diffiċli għad-DG ECHO biex jikseb informazzjoni ċara dwar attivitajiet li kienu saru (ara l-paragrafi 27 sa 39).

49. Il-Kummissjoni ffinanzjat proġetti li kkontribwew biex ikopru l-bżonnijiet bażiċi tal-popolazzjoni f'termini ta' xelter, ikel, ilma u sanità, saħħa, sostenn psikosoċjali, ħarsien tat-tfal u tal-familja u telekomunikazzjonijiet. Il-Kummissjoni qed tiffinanzja wkoll proġetti biex jagħtu sostenn għall-preparazzjoni tad-diżastri. Madanakollu, ċerti prodotti ta' proġetti kienu ħafna inqas milli pplanati minħabba żieda ta' spejjeż u diffikultajiet biex jiksbu oġġetti u fir-reklutaġġ ta' persunal kwalifikat. Ċerti proġetti, partikolarment il-komponent ta' l-ilma u s-sanità tal-proġett ta' l-aġenzija tan-NU fl-Indoneżja, lahqg inqas benefiċjarji milli kien ipplanat inizjalment, prinċipalment minħabba stima żejda ta' evalwazzjonijiet tal-bżonnijiet. Is-sostenibbiltà ta' proġetti kienet megħjuna minn livell għoli ta' finanzjament li ppermetta interventi ta' kwalità għoljin xi drabi b'orientazzjoni ta' żvilupp (ara l-paragrafi 40 sa 44).



**RAKKOMANDEZZJONIJIET**

50. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra r-rwol li hija jista' jkollha li tgħin gvernijiet milquta biex iġestu l-koordinazzjoni ta' kontribwenti b'mod aktar effettiv biex jassiguraw li l-bżonnijiet huma milħuqa (ara l-paragrafu 22).

51. Ir-rwoli tad-DĠ ECHO u tad-DĠ Ambjent (Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili) għandhom ikunu ċċarati biex jiġi assigurat approċċ koerenti (ara l-paragrafi 24 u 25).

52. Skala ta' żmien itwal għal operazzjonijiet ta' emerġenza (e.ż. disa' xhur minflok sitt xhur) għandha tkun ikkunsidrata sabiex tipprovdi żmien biżżejjed għal implimentazzjoni (see paragraph 35).

53. Id-DĠ ECHO għandu jsaħħaħ is-sistema ta' monitoraġġ tiegħu sabiex jinkludi l-elementi segwenti li jistgħu jkunu nkorporati fil-monitoraġġ tal-linji ta' gwida:

- a) *feedback* bil-miktub lis-soċji wara żjarat ta' monitoraġġ (ara l-paragrafu 30);
- b) żvilupp ta' informazzjoni komparattiva ta' l-ispejjeż (ara l-paragrafu 36);
- c) spjegazzjoni ta' l-arranġamenti ta' implimentazzjoni (ara l-paragrafu 37);
- d) informazzjoni dwar dak li sar u fejn sar (ara l-paragrafu 38).


54. Id-diffikultajiet ta' aċċess għal dokumentazzjoni ta' proġetti implimentati minn aġenziji tan-NU għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni fil-kuntest tal-Ftehim Qafas Amministrattiv u Finanzjarju (FAFA) ma' aġenziji tan-NU (ara l-paragrafi 32 u 41).

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-11 ta' Mejju 2006.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*  
Hubert WEBER  
*President*

## ANNEX I

## MAPPA TA' L-IMPATT TAŻ-TSUNAMI



Sors: Koalizzjoni għall-Evalwazzjoni taz-Tsunami — Sejbiet Inizjali.

## IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

### SOMMARJU EŻEKUTTIV

V. Ma kinitx xi ħaġa li wieħed seta' jaħrab li l-Kummissjoni taċċetta xi proposti ta' emerġenza "standard" biex tara li l-għajnuna tkun tista' tasal malajr għand il-vittmi. Kien biss fit-tieni nofs ta' Jannar ta' l-2005 li waslu evalwazzjonijiet preċiżi tal-bżonnijiet li hemm, u li kieku wieħed qagħad jistenna dawn l-evalwazzjonijiet, kien jiġri li organizzazzjonijiet umanitarji ma kinux jirċievu fondi mill-Kummissjoni qabel tmiem Jannar, li fiċ-ċirkostanzi bla dubju ma kienx ikun aċċettabbli.

VI. Il-Kummissjoni tikkunsidra li, filwaqt li seta' kien hemm xi diffikultajiet speċifiċi fuq il-post, il-livell ta' koordinazzjoni ġenerali tjiieb meta wieħed iqabbel ma' emerġenzi fil-passat. Matul il-perjodu kritiku ta' l-emerġenza, is-servizzi tal-Kummissjoni komplew jinfurmaw lil xulxin, billi għamlu kuntatt bejn wieħed u ieħor mill-anqas darbtejn kuljum, kif ukoll billi bagħtu lil xulxin noti ta' informazzjoni u rapporti dwar is-sitwazzjoni.

VII. Il-Kummissjoni tinnota s-suġġeriment tal-Qorti biex tkompli tiġi żviluppata l-informazzjoni dwar l-ispejjeż komparattivi u biex jinżammu aktar dettalji dwar l-arranġamenti ta' organizzazzjoni u l-kwantifikazzjoni ta' dak li jinkiseb mill-proġetti.

VIII. B'mod ġenerali, l-isforzi tal-bidu tal-komunità internazzjonali ma kinux ikkoordinati biżżejjed. Kien eżattament minħabba f'hekk li, sa minn kmieni, il-Kummissjoni għamlet enfażi qawwija fuq, fost affarijiet oħra, attivitajiet ta' koordinazzjoni u l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-ħtiġiet, li wassal biex l-isforzi li għamlet biex tagħti l-għajnuna jkunu effettivi. Il-ħtiġiet oriġinali msemmija fl-eżempju ċitat mill-Qorti kienu bbażati fuq il-kalkulu tal-bidu li kien jidentifika popolazzjoni benefiċjarja ta' żewġ miljun. Il-fatt li l-Aġenzija tan-NU laħqet biss 5 % tal-benefiċjarji ma jfissirx li l-95 % l-oħra ma rċievew għajnuna iżda pjuttost li huma kienu meġhuna minn aġenziji oħra biex b'hekk ma kienx hemm bżonn ta' l-għajnuna min-NU.

IX.

(a) Il-Kummissjoni tagħraf bis-sħiħ l-importanza li meta jkun hemm rispons għal diżastru, dan ir-rispons għandu jitqies bħala li hu tal-pajjiż, u din il-kwistjoni tindirizzaha sew fl-assistenza umanitarja li tagħti (l-imsieħba huma mitluba li jikkoordinaw ma' awtoritajiet nazzjonali u lokali, appoġġ lill-UNOCHA, koordinazzjoni fuq il-post minn Delegazzjonijiet u d-DĠ ECHO), kif ukoll fil-programmi ta' żvilupp li għandha.

(b) Il-Kummissjoni taqbel għal kollox mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex ir-rwol tad-DĠ ECHO u dak tad-DĠ Ambjent (Mekkaniżmu dwar il-Protezzjoni Ċivili) jiġu kkjarifikati biex ikun hemm metodoloġija koerenti.

(c) Il-Kummissjoni diġà identifikat id-dewmien f'xi elementi tal-proġett imsemmi mill-Qorti, u dwar dan ħadet l-azzjoni meħtieġa (ara l-paragrafu 35). Il-Kummissjoni tqis li ma jkunx xieraq li tinbidel il-bażi regolatorja biex jittawlu l-iskadenzi għal azzjonijiet primarji ta' emerġenza u ta' emerġenza umanitarja.

(d) Il-Kummissjoni se tinforza s-sistema ta' monitoraġġ biex tilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti bil-mod li jkun l-aktar xieraq.

(e) Wara diskussjonijiet ma' l-organizzazzjonijiet ikkonċernati, din il-kwistjoni għet ikkjarifikata u l-Kummissjoni kisbet aċċess għad-dokumenti rilevanti. Il-verifika ta' proġetti tal-Kummissjoni li saret minn Aġenziji tal-NU huwa sugġert li kien indirizzat waqt il-laqgħa ta' April 2006 tal-grupp ta' ħidma bejn il-KE u n-NU FAFA.

### INTRODUZZJONI

7. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida u l-proċess biex jingħaqdu l-għajnuna, ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp (LRRD), ara t-twejgħba tal-Kummissjoni għall-punt 26.

### OSSERVAZZJONIJIET

18. Il-politika tal-Kummissjoni hija mibnija fuq metodu bbażat fuq dak li hemm bżonn. Meta msieħeb ma jkunx jista' jibbenefika bis-sħiħ, il-Kummissjoni tnaqqas l-iffinanzjar anki jekk il-pjan tal-bidu jkun mod ieħor.

22. (a) Sew fis-Sri Lanka kif ukoll fl-Indoneżja, il-Kummissjoni għenet lill-Aġenzija tan-NU rilevanti fir-rwol tagħha bħala mexxejja fis-settur biex jergħu jinkisbu l-mezzi ta' għejxien. Bħala riżultat ta' dawn il-proġetti fiż-żewġ pajjiżi ttaffew il-problemi tal-kopertura taż-żoni, tax-xogħol doppju, tan-nuqqasijiet u tal-kompetizzjoni.

23. Is-sitwazzjoni ta' provvista żejda ta' għajnuna f'ċerti setturi, u n-nuqqas ta' għajnuna f'oħrajn kif jidher mir-rapport speċjali ma kinux relatati ma' l-għajnuna umanitarja mogħtija mill-Kummissjoni.

24.-25. Filwaqt li seta' kien hemm xi diffikultajiet speċifiċi fuq il-post, il-livell ta' koordinazzjoni ġenerali tjiieb meta wieħed iqabbel ma' emerġenzi fil-passat. Matul il-perjodu kritiku ta' l-emerġenza, is-servizzi tal-Kummissjoni komplew jinfurmaw lil xulxin, billi għamlu kuntatt mill-anqas bejn wieħed u ieħor darbtejn kuljum, kif ukoll billi bagħtu lil xulxin noti ta' informazzjoni u rapporti dwar is-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni se tara li tkompli ttejjeb il-koordinazzjoni bejn id-DĠ COMP u l-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili kif rakkomandat mill-Qorti.

26. Il-Kummissjoni, ftit tal-jiem biss wara t-tsunami, waqqfet grupp ta' interservizz(it-taskforce ta' interservizz għaż-Tsunami — TIST) biex tara li l-aspetti kollha ta' l-assistenza ta' l-UE jkunu koordinati, b'mod partikolari biex jingħaqdu l-għajnuna, ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp (LRRD).

Barra mill-proġetti msemmija mill-Qorti, proġetti oħra mill-fondi tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida kienu jinkludu konsul-tazzjoni fost is-soċjetà ċivili dwar il-pjani għar-rikostruzzjoni ta' wara t-tsunami fl-ewwel stadji tat-tnejn tal-pjan dettaljat mill-gvern nazzjonali, u appoġġ biex tissaħħaħ il-ħila tal-gvern lokali meta jkun qed jaħdem fuq ir-rikostruzzjoni.

Sa tmiem l-2006, il-Kummissjoni tkun impenjat total ta' 350 miljun Euro għall-fażi ta' rikostruzzjoni, inklużi 12-il miljun Euro mill-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida.

30. Ir-riżultati tal-missjonijiet ta' monitoraġġ mill-Kummissjoni fuq il-persunal li kellu x'jaqsam ma' l-appoġġ umanitarju u tekniku huma reġistrati fis-sistema kompjuterizzata ta' monitoraġġ dwar il-proġett li għandha l-Kummissjoni, u li jieħdu ħsiebha uffiċjali apposta. Meta jkun meqjus meħtieġ, jin-għataw kummenti dwar il-proġett mid-DĠ ECHO (HQ) lill-imsieħba tal-Kummissjoni. Mandankollu, il-Kummissjoni tagħraf il-ħtieġa li tiġbor struzzjonijiet eżistenti fil-forma ta' linji ta' gwida speċifiċi.

31. Il-Kummissjoni taf bil-ftit tad-dewmien li hemm fir-rappurtaġġ. Madankollu, meta wieħed iqis kemm kien kbir id-diżastru, u meta wieħed iqis l-isfidi li kellhom quddiemhom l-imsieħba li kienu qed iwettqu l-ħidma, dan id-dewmien ma kienx meqjus sinifikanti.

32. Dwar l-aċċess għal dokumenti li kienu jieħdu ħsiebhom l-Aġenzija tan-NU, din il-problema ġiet indirizzata fil-kuntest tal-grupp ta' ħidma FAFA.

33. Barra mill-proġetti dwar iż-tsunami kkontrollati fuq il-post, il-Kummissjoni tivverifika d-dokumentazzjoni relatata meta din tingħata lura lill-Kwartier Ġenerali ta' l-imsieħeb. Kull imsieħeb jiġi vverifikat bħala parti minn ċiklu ta' verifika ta' kull sen-tejn. Għalhekk, bejn wieħed u ieħor, iż-żmien li jrid jgħaddi bejn tmiem ta' proġett u l-verifika jew l-iċċekkajr tad-dokumentazzjoni relatata dwar il-proġetti tat-tsunami fl-uffiċċji ta' l-imsieħba huwa ta' sena.

35. Xi msieħba tal-Kummissjoni kultant kellhom xi dewmien fl-implimentazzjoni ta' xi elementi tal-proġett. Il-każi identifikati mill-Qorti diġà kienu ġew identifikati mill-persunal ta' appoġġ tekniku u umanitarju (esperti fuq il-post) fi żmien il-monitoraġġ tal-proġett, u dan wassal biex ittieħdu azzjonijiet fuq livell ta' kwartier ġenerali. Fil-każ tal-proġett tan-NU msemmi fil-kaxxa 7, il-Kummissjoni ma ħallsitx lura l-ispejjeż ta' l-impjant ta' trattament fi Pramuka. Il-Kummissjoni, barra minn dan, talbet li l-imsieħeb iħaffef il-proċeduri ta' ħruġ ta' offerti li kienu kkaw-żaw id-dewmien qabel ma' japplika għal aktar iffinanzjar ta' emer-ġenza għas-settur ta' l-ilma u l-indafa.

37. Fil-proposti għall-proġetti normalment ikunu deskritti arranġamenti organizzattivi, u dawn ikunu analizzati fil-valutazzjoni miktuba interna li tagħmel il-Kummissjoni dwar it-talbiet għall-iffinanzjar. Mandankollu, il-Kummissjoni timpenja ruħha biex tara kif tista' ttejjeb l-affarijiet.

38. Informazzjoni dwar dak li sar, u fejn sar, tingħata fir-rapporti temporanji, pre-finali u finali ta' l-imsieħba, minflok fir-rapporti tal-monitoraġġ.

Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti li fil-każ ta' Aġenzija tan-NU, ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni matul il-monitoraġġ, iżda tixtieq tenfasizza li l-azzjoni ttieħdet mill-Kummissjoni sew fuq il-post kif ukoll fuq il-livell ta' kwartier ġenerali u bħala riżul-tat ingħatat informazzjoni dettaljata dwar ir-riżultati fir-rapport finali.

Il-FAFA ma tobbligax awtomatikament lill-organizzazzjonijiet li jipprovdu informazzjoni dwar attivitajiet speċifiċi ffinanzjati mill-Kummissjoni.

40. Il-Kummissjoni taqbel li kultant xi msieħba kisbu riżul-tati anqas minn dak li kien antiċipat fil-bidu minħabba d-diffikultajiet biex jinkisbu l-affarijiet. Dawn l-inċidenti kollha nstabu mill-monitoraġġ tal-Kummissjoni u wasslu biex tittieħed azzjoni mill-Kummissjoni.

41. Fil-każ tan-NU, il-valutazzjoni dwar il-ħtiġiet saret fil-ġimgħa ta' wara t-tsunami, fi żmien meta kien hemm ftit infor-mazzjoni disponibbli, iżda meta l-ħtieġa li tingħata l-għajnuna kienet kbira. Bħala riżultat, ħareġ ċar li l-valutazzjoni ma qisitx li kien se jkun hemm it-tweġiba li kien hemm mill-komunità inter-nazzjonali u identifikat il-popolazzjoni kollha li tgħix fiż-żoni milquta bħala benefiċjarji. Il-fatt li l-Aġenzija tan-NU laħqet biss 5 % tal-benefiċjarji ma jfissirx li l-95 % l-oħra ma rċievewx għajnuna iżda pjuttost li huma kienu megħjuna minn aġenziji oħra biex b'hekk ma kienx hemm bżonn ta' l-għajnuna min-NU.

Il-Kummissjoni se tistenna li jkun hemm titjib fl-immaniġġjar tal-proġett mill-imsieħeb qabel ma jingħataw aktar fondi għal ħid-miet dwar l-ilma u l-indafa fi żmien ta' emerġenza. Wieħed għandu wkoll jenfasizza li wara diskussjonijiet mal-Kummissjoni, sew fuq il-post kif ukoll fil-kwartieri ġenerali, fir-rapport finali l-imsieħeb ta informazzjoni dettaljata dwar attivitajiet li kienu ġew implimentati.

42. Il-Kummissjoni għarfet il-problema sa minn kmieni, u tat kontribut lejn is-soluzzjoni tagħha b'azzjonijiet speċifiċi bħal dawk deskritti fil-kaxxa 4. Aktar titjib tal-koordinazzjoni tal-għajnuna għandu jiġi ndirizzat waqt diskussjonijiet mal-bqija tad-donaturi ewlenin u dawk kollha involuti fil-qasam umanitarju. F'dan is-sens, il-Kummissjoni hija waħda mill-atturi ewlenin ta' l-Inizjattiva Tajba tad-Donaturi Umanitarji u hija wkoll involuta b'mod attiv fid-diskussjonijiet dwar il-Proċess ta' Revizzjoni Umanitarja tan-NU.

## KONKLUŻJONIJET

46. Minħabba li kien diffiċli li wieħed jasal fl-aktar żoni mil-quta ta' Aceh, ma setgħux jinkisbu l-evalwazzjonijiet preċiżi tal-ħtiġiet hekk malajr wara li seħħ id-diżastru. Ma kinitx xi ħaġa li wieħed seta' jaħrab li l-Kummissjoni taċċetta xi proposti ta' emer-ġenza standard biex tara li l-għajnuna tkun tista' tasal malajr għand il-vittmi. Kien biss f'nofs Jannar ta' l-2005 li waslu evalwaz-zjonijiet preċiżi tal-bżonnijiet li hemm, u li kieku wieħed qagħad jistenna dawn l-evalwazzjonijiet, kien jiġri li organizzazzjonijiet umanitarji ma kinux jirċievu fondi mill-Kummissjoni qabel tmiem Jannar, li fiċ-ċirkostanzi bla dubju ma kienx ikun aċċettabbli.

47. Il-Kummissjoni tikkunsidra li, fil-waqt li seta' kien hemm xi diffikultajiet speċifiċi fuq il-post, il-livell ta' koordinazzjoni ġenerali tjejb meta wieħed iqabbel ma' emerġenzi fil-passat. Matul il-perjodu kritiku ta' l-emerġenza, is-servizzi tal-Kummissjoni komplew jinfurmaw lil xulxin, billi għamlu kuntatt mill-anqas bejn wieħed u ieħor darbtejn kuljum, kif ukoll billi baġthu lil xulxin noti ta' informazzjoni u rapporti dwar is-sitwazzjoni.

48. Il-Kummissjoni tinnota s-suġġeriment tal-Qorti biex tkompli tiġi żviluppata l-informazzjoni dwar l-ispejjeż komparattivi u biex jinżammu aktar dettalji dwar l-arranġamenti ta' organizzazzjoni u l-kwantifikazzjoni ta' dak li jinkiseb mill-proġetti. Il-proġett tan-NU fl-Indoneżja mhux eżempju ta' dgħjufija fis-sistema ta' monitoraġġ, iżda dgħjufija ta' dak l-imsieħeb partikolari meta ġie biex iwaqqaf ġestjoni xierqa tal-proġett. Wara diskussjonijiet mal-Kummissjoni, sew fuq il-post kif ukoll fil-kwartieri ġenerali, fir-rapport finali l-imsieħeb ta informazzjoni dettaljata dwar attivitajiet li kienu ġew implimentati.

49. Fil-każ tal-proġett imsemmi mill-Qorti, l-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet ta' l-imsieħeb sar fil-ġimgħa eżatt wara t-tsunami meta kien hemm ftit informazzjoni u kien hemm ħtieġa urġenti biex titwassal l-għajnuna. Il-fatt li l-Aġenzija tan-NU laħqet biss 5 % tal-benefiċjarji ma jfissirx li l-95 % l-oħra ma rċievewx għaj-nuna iżda pjuttost li huma kienu megħjuna minn aġenziji oħra biex b'hekk ma kienx hemm bżonn ta' l-għajnuna min-NU.

#### RAKKOMANDAZZJONIJIET

50. Il-Kummissjoni tagħraf bis-sħiħ l-importanza li r-risposta wara diżastru għandha tkun waħda fuq skala nazzjonali bis-sehem ta' kullħadd. F'kuntest ta' kriżi, il-Kummissjoni taħdem permezz ta' sistema tan-NU u tat appoġġ lil OCHA (finanzjarjament u operattivament) fir-rwol tagħhom ta' koordinazzjoni li jinkludi l-komunikazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali. Barra minn dan, fuq il-post, il-Kummissjoni tikkoordina u tpartat informazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali permezz tad-Delegazzjonijiet tagħha u, fuq ħwejjeġ aktar tekniċi, permezz tal-persunal ta' għajnuna teknika u umanitarja li jkun hemm fuq il-post. Barra minn dan, imsieħba li jieħdu fondi mill-Kummissjoni huma mitluba li jikkordinaw ma' awtoritajiet nazzjonali u lokali.

Il-Kummissjoni tagħraf ukoll li jkun aħjar li kieku l-ħila tal-gvernijiet li jmexxu l-koordinazzjoni tad-donaturi waqt l-emerġenzi tkun megħjuna minn qabel permezz ta' programmi ta' żvilupp strutturali (per eżempju fil-kuntest tat-titjib tat-tħejjija tal-pajjiż biex ikun jista' jilqa' għal diżastri naturali.

51. Il-Kummissjoni taqbel għal kollox mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex ir-rwol tad-DĠ ECHO u dak tad-DĠ Ambjent (Mekkaniżmu dwar il-Protezzjoni Ċivili) jiġu kkjarifikati.

Ir-rwoli taż-żewġ servizzi ġew diskussi f'Mejju 2002, u bħala riżultat tfassal Memorandum ta' Ftehim bejn id-DĠ ECHO u d-DĠ Ambjent f'Marzu 2003. Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba minn dakinar, u tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti, se jittieħdu l-passi li ġejjin:

L-ewwelnett, il-Kummissjoni se tagħti aktar informazzjoni lill-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet involuti fl-assistenza ta' emerġenza internazzjonali dwar ir-rwoli rispettivi u l-funzjonijiet ta' l-assistenza umanitarja tal-Komunità, immexxija mid-DĠ ECHO, u l-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili tal-Komunità, immexxi mid-DĠ Ambjent, u l-vantaġġi addizzjonali u speċifiċi li jista' jipprovi l-mekkaniżmu lill-vittmi milquta minn diżastri naturali mill-kbar nett. Barra minn hekk f'dan ir-rigward, qed jit-ħejja messaġġ konġunt mis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni lil Delegazzjonijiet tal-KE fpajjiżi terzi.

It-tieni, il-Kummissjoni hija mpenjata li tqis ir-rakkomandazzjonijiet ċentrali li jkun saru sew mill-HAC kif ukoll mill-Kumitat tal-Protezzjoni Ċivili, b'mod partikolari għal dak li hu l-bżonn li jiġu dejjem aktar irfinati t-termini ta' referenza għall-operazzjonijiet ta' l-MIC.

52. Il-Kummissjoni diġà identifikat id-dewmien f'ċerti elementi ta' xi proġetti li ssemew mill-Qorti, u dwar dan ħadet l-azzjoni meħtieġa (ara l-paragrafu 35). Il-Kummissjoni tqis li ma jkunx xieraq li tinbidel il-bażi regolatorja biex jittawlu l-iskadenzi għal azzjonijiet primarji ta' emerġenza, u ta' emerġenza umanitarja.

53. Il-Kummissjoni se tinforza s-sistema ta' monitoraġġ biex takkomoda r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti bil-mod li jkun l-aktar xieraq.

(d) Il-Kummissjoni temmen li filwaqt li huwa minnu li l-enfażi għad-DĠ ECHO (u l-bqija ta' l-atturi umanitarji) xaqlieb lejn l-evalwazzjoni tar-riżultati, il-kisbiet u l-impatt, dan ma jfissirx li d-DĠ ECHO ma jimmonitorjax biżżejjeġ l-attivitajiet dwar proġetti.

Informazzjoni dwar dak li sar, u fejn sar, tingħata fir-rapporti temporanji, pre-finali u finali ta' l-imsieħba, minflok fir-rapporti tal-monitoraġġ.

54. Dan ġie rrapportat lin-NU u kien ġie diskuss fil-laqgħa ta' April 2006 tal-Grupp ta' Ħidma FAFA.